# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 306

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

24 ta' Novembru 2015


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2110 tat-12 ta' Novembru 2015 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Mojama de Barbate (IĠP)]** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2111 tat-12 ta' Novembru 2015 li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Echalote d'Anjou (IĠP)]** ..... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2112 tat-23 ta' Novembru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika strutturali kummerċjali fir-rigward tal-adattament tas-serje ta' dejta wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività (KPA)** (1) ..... 4

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2113 tat-23 ta' Novembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jaddotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità 16 u 41** (1) ..... 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2114 tat-23 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 15


DIRETTIVI


★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/2115 tat-23 ta' Novembru 2015 li temenda, għall-fini li jiġu adottati valuri limitu speċifiċi għas-sustanzi kimiċi użati fil-ġugarelli, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-formammid** (1) ..... 17


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/2116 tat-23 ta' Novembru 2015 li temenda, għall-fini li jiġu adottati valuri limitu speċifiċi għall-kimiċi użati fil-ġugarelli, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-benżisotijażolinon** ([1]) ........ 20

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/2117 tat-23 ta' Novembru 2015 li temenda, għall-fini li jiġu adottati valuri ta' limitu speċifiċi għall-kimiċi użati fil-ġugarelli, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-klorometilisotijażolinon u tal-metilisotijażolinon, kemm b'mod individwali kif ukoll fi proporzjon ta' 3:1** ([1]) ........ 23

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2118 tat-23 ta' Novembru 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia** 26

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2119 tal-20 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-produzzjoni ta' pannelli bbażati fuq l-injam** *(notifikata bid-dokument C(2015) 8062)* ([1]) ........ 31

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2110

**tat-12 ta' Novembru 2015**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Mojama de Barbate (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Spanja biex id-denominazzjoni "Mojama de Barbate" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-Kummissjoni ma ġiet mgħarrfa bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Mojama de Barbate" għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Mojama de Barbate" (IĠP) hija rreġistrata.

L-isem speċifikat fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.7. — Ħut frisk, molluski, krustaċji u prodotti derivati minnhom, skont l-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 223, 8.7.2015, p. 10.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2111

## tat-12 ta' Novembru 2015

## li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Echalote d'Anjou (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Franza biex id-denominazzjoni "Echalote d'Anjou" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk id-denominazzjoni "Echalote d'Anjou" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Echalote d'Anjou" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni speċifikata fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott fil-Klassifika 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 218, 3.7.2015, p. 6.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2112**

**tat-23 ta' Novembru 2015**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika strutturali kummerċjali fir-rigward tal-adattament tas-serje ta' dejta wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività (KPA)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2)(e)egħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, il-kumpilazzjoni, it-trażmissjoni u l-valutazzjoni ta' statistika Ewropea dwar l-istruttura, l-attività, il-kompetittività u r-rendiment tan-negozji fl-Unjoni Ewropea.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) li tilħaq ir-rekwiżiti tal-istatistika fl-Unjoni.

(3) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 ([3]) jistabbilixxi s-serje tad-dejta, il-livell ta' analizi u t-tikketti tal-prodotti li għandhom jiġu trażmessi abbażi tal-KPA.

(4) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1209/2014 ([4]) jenħtieġ li jiġi addattat l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 rigward il-livell ta' analiżi u t-tikketti ta' ċerti prodotti biex id-dejta tiġi trażmessa abbażi tal-KPA ħalli jinżammu l-komparabbiltà u l-konsistenza mal-istandards tal-klassifikazzjoni tal-prodotti li jintużaw f'livell internazzjonali.

(5) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA), (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1209/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 (ĠU L 336, 22.11.2014, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 251/2009 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Punt 1 "SERVIZZI", fit-tabella tas-"Serje 1E", taħt "Livell ta' analiżi tal-attività", l-"Aggregati speċjali" "HIT", "MHT", "MLT" u"LOT" huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

   "HIT Manifattura ta' teknoloġija għolja (NACE Rev.2 21 + 26 + 30.3)

   MHT Manifattura ta' teknoloġija medja-għolja (NACE Rev.2 20 + 25.4 + 27 + 28 + 29 + 30-30.1 -30.3 + 32.5)

   MT Manifattura ta' teknoloġija medja-baxxa (NACE Rev.2 18.2 + 19 + 22 + 23 + 24 + 25-25.4 + 30.1 + 33)

   LOT Manifattura ta' teknoloġija baxxa NACE Rev.2 10 + 11 + 12 + 13 + 14 + 15 + 16 + 17 + 18-18.2 + 31 + 32-32.5)".

2. Fil-punt 2 "L-INDUSTRIJA", fit-tabelli tas-serje 2H, 2I, 2J u 2K, l-entrata taħt "Kopertura tal-attivitajiet" "NACE Rev.2, taqsimiet B-E (għajr NACE Rev.2 diviżjonijiet 37, 38 u 39)" hija sostitwita minn "NACE Rev.2, taqsimiet B-D u diviżjoni 36".

3. Fil-punt 3 "IL-KUMMERĊ DISTRIBUTTIV", fit-tabelli tas-serje 3E, 3F, 3G, 3H, 3I, 3J u 3K, "Livell ta' analiżi tal-attività" titħassar "NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)".

4. Fil-punt 4 "IL-KOSTRUZZJONI", fit-tabella tas-serje 4G, "Livell ta' analiżi tal-attività"

   "NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi)

   NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjoni)

   NACE Rev.2 livell b'numru 1(Taqsima)"

   jiġu sostitwiti minn:

   "NACE Rev.2. livell b'2 numri (Diviżjoni) għajr il-karatteristiki 18 31 0 u 18 32 0 għad-diviżjoni 43

   NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsima) għajr il-karatteristiki 18 31 0 u 18 32 0".

5. Il-Punt 8 "IS-SERVIZZI TAN-NEGOZJU" huwa emendat kif ġej:

   (a) Fit-tabella tas-"Serje 8 A", taħt "Livell ta' analiżi skont it-tip ta' prodott", għall-prodott 63 12, l-entrata "Kontenut tal-portali tal-web" hija sostitwita minn "Servizzi tal-portali tal-web".

   (b) Fit-tabella tas-"Serje 8 A", taħt "Livell ta' analiżi skont it-tipta' prodott", għall-prodott 73 11 13, l-entrata "Servizzi ta' disinn u ta' żvilupp tal-kunċett tar-reklami" hija sostitwita minn "Servizzi ta' żvilupp tal-kunċett tar-reklami".

   (c) Fit-tabella tas-"Serje 8C", taħt "Livell ta' analiżi skont it-tip ta' prodott", titħassar l-entrata tal-prodott 70 22 4 "Trejdmarks u franchises".

   (d) Fit-tabella tas-"Serje 8E", taħt "Livell ta' analiżi skont it-tip ta' prodott", għall-prodott 71 11 24, l-entrata "Servizzi ta' konsulenza arkitettonika" hija sostitwita minn "Servizzi ta' konsulenza arkitettonika għall-proġetti tal-bini".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2113**

**tat-23 ta' Novembru 2015**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jaddotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità 16 u 41**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([2]) ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fit-30 ta' Ġunju 2014, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ħareġ emendi għal IAS 16 *Proprjetà, Impjant u Tagħmir* u l-IAS 41 *Agrikoltura* intitolat *Agrikoltura*: *Pjanti Portaturi*. L-IASB iddeċieda li pjanti, li jintużaw biss biex jitkabbru prodotti fuq diversi perjodi, magħrufa bħala pjanti portaturi, għandhom jiġu kkontabilizzati bl-istess mod bħal proprjetà, impjant u tagħmir f'IAS 16 *Proprjetà, impjant u tagħmir*, peress li l-operat tagħhom huwa simili għal dak ta' manifattura.

(3) L-emendi fl-IAS 16 u 41 jimplikaw, bħala konsegwenza, emendi għall-IAS 1, 17, 23, 36 u 40 sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn l-istandards internazzjonali tal-kontabilità.

(4) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju tikkonferma li l-emendi għall-IAS 16 u l-IAS 41 jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 16 *Proprjetà, Impjant u Tagħmir* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

(b) L-IAS 41 *Agrikoltura* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

(c) L-IAS 1 *Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji*, l-IAS 17 *Lokazzjonijiet*, l-IAS 23 *Kostijiet tas-Self*, l-IAS 36 *Indeboliment tal-Assi* u l-IAS 40 *Proprjetà għall-Investiment* huma emendati skont l-emendi għall-IAS 16 u IAS 41 kif stipulat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1)

*Artikolu 2*

Kull kumpanija tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Agrikoltura: Pjanti portaturi**

(Emendi għall-IAS 16 u l-IAS 41)

**Emendi għall-IAS 16 *Proprjetà, Impjant u Tagħmir***

Il-paragrafi 3, 6 u 37 huma emendati u jiżdiedu l-paragrafi 22 A u 81K-81M.

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

…

3. Dan l-Istandard ma japplikax għal:

(a) proprjetà, impjant u tagħmir ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ b'konformità mal-IFRS 5 *Assi Mhux Kurrenti Miżmuma għall-Bejgħ u Operazzjonijiet Li ma Tkomplewx*;

(b) assi bijoloġiċi relatati ma' attività agrikola għajr pjanti portaturi(ara l-IAS 41 *Agrikoltura*). Dan l-istandard japplika għal pjanti portaturi iżda ma japplikax għall-prodotti tal-pjanti portaturi.

(c) ir-rikonoxximent u l-kejl ta' assi ta' esplorazzjoni u evalwazzjoni (ara l-IFRS 6 *L-Esplorazzjoni għal Riżorsi Minerali u l-Evalwazzjoni tagħhom*);

(d) …

DEFINIZZJONIJIET

**6. It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:**

***Pjanta portatura* hija pjanta ħajja li:**

**(a) tintuża fil-produzzjoni jew il-provvista ta' prodotti agrikoli;**

**(b) hija mistennija tipproduċi għal aktar minn perjodu wieħed; kif ukoll**

**(c) mhux probabbli li tinbiegħ bħala prodott agrikolu, ħlief għal bejgħ inċidentali tal-fdal.**

**(Il-paragrafi 5 A-5B tal-IAS 41 jelaboraw fuq din id-definizzjoni ta' pjanta portatura.)**

***Ammont miżmum fil-kotba* hu l-ammont li bih ass jiġi rikonoxxut wara li jitnaqqsu kull deprezzament akkumulat u telf ta' indeboliment akkumulat.**

…

**Elementi ta' kost**

…

22 A Pjanti portaturi jiġu kkontabilizzati bl-istess mod bħal oġġetti mibnija minnhom infushom ta' proprjetà, impjant u tagħmir qabel ma jkunu fil-post u fil-kundizzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jitħaddmu bil-mod intenzjonat mill-maniġment. Konsegwentement, referenzi għal "kostruzzjoni" f'dan l-Istandard għandhom jinqraw bħala attivitajiet li jkopru li huma meħtieġa biex irawmu l-pjanti portaturi qabel ma jkunu fil-post u fil-kundizzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jitħaddmu bil-mod intenzjonat mill-maniġment.

…

**Mudell ta' rivalutazzjoni**

…

37. Klassi ta' proprjetà, impjant u tagħmir hi grupp ta' assi ta' natura u użu simili fl-operazzjonijiet ta' entità. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' klassijiet separati:

   (a) …

   (g) għamara u tagħmir fiss;

   (h) apparat tal-uffiċċju; kif ukoll

   (i) pjanti portaturi.

…

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

…

81K *Agrikoltura: Pjanti Portaturi* (Emendi fl-IAS 16 u l-IAS 41), maħruġ f'Ġunju 2014, emenda l-paragrafi 3, 6 u 37 u żied il-paragrafi 22 A u 81L-81M. Entità tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016 jew wara. Hija permessa applikazzjoni iktar bikrija. Jekk entità tapplika dawn l-emendi għal perjodu preċedenti, din tiddivulga dan il-fatt. Entità tapplika dawk l-emendi retrospettivament skont l-IAS 8, ħlief kif speċifikat fil-paragrafu 81M.

81L Fil-perijodu ta' rappurtar, meta *Agrikoltura: Pjanti Portaturi* (Emendi għall-IAS 16 u l-IAS 41) jiġi applikat għall-ewwel darba, entità m'għandhiex għalfejn tiżvela l-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa mill-paragrafu 28(f) tal-IAS 8 għal dak il-perjodu. Madankollu, entità tippreżenta l-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa mill-paragrafu 28 (f) tal-IAS 8 għal kull perijodu preċedenti ppreżentat.

81M Entità tista' tagħżel li tkejjel element tal-pjanti portaturi bil-valur ġust tiegħu fil-bidu tal-aktar perjodu kmieni ppreżentat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-perijodu ta' rappurtar li fih l-entità tapplika għall-ewwel darba *Agrikoltura: Pjanti Portaturi* (Emendi għall-IAS 16 u l-IAS 41) u tuża dak il-valur ġust bħala l-kost preżunt tagħhom f'dik id-data. Kwalunkwe differenza bejn l-ammont riportat preċedenti u l-valur ġust tiġi rikonoxxuta fil-qligħ imfaddal tal-ftuħ fil-bidu tal-aktar perjodu bikri ppreżentat.

**Emendi għall-IAS 41 *Agrikoltura***

Il-paragrafi 1-5, 8, 24 u 44 huma emendati u jiżdiedu l-paragrafi 5 A-5C u 62-63.

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

**1. Dan l-Istandard jiġi applikat għall-kontabilità ta' dawn li ġejjin meta jkunu relatati ma' attività agrikola:**

   **(a) assi bijoloġiċi, għajr il-pjanti portaturi;**

   **(b) prodotti agrikoli fil-punt tal-ħsad; kif ukoll**

   **(c) għotjiet pubbliċi koperti mill-paragrafi 34 u 35.**

2. Dan l-Istandard ma japplikax għal:

   (a) art relatata ma' attività agrikola (ara l-IAS 16 *Proprjetà, Impjant u Tagħmir* u l-IAS 40 *Proprjetà ta' Investiment*).

   (b) pjanti portaturi relatati ma' attività agrikola (ara l-IAS 16). Madankollu, dan l-Istandard japplika għall-prodotti ta' dawk il-pjanti portaturi.

(c) għotjiet pubbliċi relatati mal-pjanti portaturi (ara l-IAS 20 *Kontabilità għal Għotjiet Pubbliċi u Żvelar ta' Assistenza Pubblika*).

(d) assi intanġibbli relatati ma' attività agrikola (ara l-IAS 38 *Assi Intanġibbli*).

3. Dan l-Istandard huwa applikat għal prodotti agrikoli, li huma l-prodotti maħsud tal-assi bijoloġiċi tal-entità, fil-punt tal-ħsad. Minn hemm 'il quddiem, huma applikati l-IAS 2 *Inventarji* jew xi Standard applikabbli ieħor. Għaldaqstant, dan l-Istandard ma jittrattax l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli wara l-ħsad; pereżempju, l-ipproċessar tal-għeneb f'inbid minn vitikultur li jkun kabbar l-għeneb. Waqt li dan l-ipproċessar jista' jkun estensjoni loġika u naturali tal-attività agrikola, u li l-avvenimenti li jseħħu jista' jkollhom xi similarità mat-trasformazzjoni bijoloġika, dan l-ipproċessar mhuwiex inkluż fid-definizzjoni ta' attività agrikola f'dan l-Istandard.

4. L-iskeda ta' hawn taħt tipprovdi eżempji ta' assi bijoloġiċi, prodotti agrikoli, u prodotti li huma r-riżultat tal-ipproċessar wara l-ħsad:

| Assi bijoloġiċi | Prodotti agrikoli | Prodotti li huma r-riżultat tal-ipproċessar wara l-ħsad |
|---|---|---|
| Nagħaġ | Suf | Ħjut, twapet |
| Siġar f'pjantaġġuni għall-Injam | Siġar li twaqqgħu | Zkuk, injam maqtugħ |
| Baqar tal-ħalib | Ħalib | Ġobon |
| Qżieqeż | Karkassa | Zalzett, perżut ippreżervat |
| Pjanti tal-qoton | Qoton maħsud | Ħajt, ilbies |
| Kannamieli | Kannamieli maħsuda | Zokkor |
| Pjanti tat-tabakk | Weraq maqtugħ | Tabakk ippreżervat |
| Sġajjar tat-tè | Weraq maqtugħ | Tè |
| Dwieli | Għeneb maqtugħ | Inbid |
| Siġar tal-frott | Frott maqtugħ | Frott iproċessat |
| Palmijiet taż-żejt | Frott maqtugħ | Żejt tal-palm |
| Siġar tal-gomma | Latex maħsud | Prodotti tal-lastku |

Ċerti pjanti, pereżempju l-isġajjar tat-tè, id-dwieli tal-għeneb, il-palmijiet taż-żejt, u s-siġar tal-gomma, ġeneralment jissodisfaw id-definizzjoni ta' pjanta portatura u jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 16. Madankollu, il-prodott li jikber fuq il-pjanti portaturi, pereżempju l-weraq tat-tè, l-għeneb, il-frott tal-palm taż-żejt u l-latex, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 41.

DEFINIZZJONIJIET

## Definizzjonijiet relatati mal-agrikoltura

**5. It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:**

**…**

***Prodott agrikolu* huwa l-prodott maħsud tal-assi bijoloġiċi tal-entità.**

***Pjanta portatura*** **hija pjanta ħajja li:**

**(a) tintuża fil-produzzjoni jew il-provvista ta' prodotti agrikoli;**

**(b) hija mistennija tipproduċi għal aktar minn perjodu wieħed; kif ukoll**

**(c) mhux probabbli li tinbiegħ bħala prodott agrikolu, ħlief għal bejgħ inċidentali tal-fdal.**

**Ass bijoloġiku huwa annimal jew pjanta ħajja.**

…

5 A Dawn li ġejjin mhumiex pjanti portaturi:

(a) pjanti kkultivati biex jinħasdu bħala prodott agrikolu (pereżempju, siġar imkabbra għall-użu bħala injam);

(b) pjanti kkultivati biex jipproduċu prodotti agrikoli meta jkun hemm aktar minn probabbiltà remota li l-entità se taħsad u tbigħ ukoll il-pjanta bħala prodott agrikolu, u mhux bħala bejgħ inċidentali tal-fdal (pereżempju, siġar li huma kkultivati kemm għall-frott tagħhom kif ukoll għall-injam); kif ukoll

(c) għelejjel annwali (pereżempju l-qamħirrum u l-qamħ).

5B Meta l-pjanti portaturi ma jibqgħux jintużaw biex jipproduċu l-prodotti tagħhom, dawn jistgħu jinqatgħu u jinbiegħu bħala fdal, pereżempju, għall-użu bħala ħatab għan-nar. Bejgħ inċidentali tal-fdal bħal dan m'għandux jipprevjeni l-pjanta milli tissodisfa d-definizzjoni ta' pjanta portatura.

5C Il-prodotti mill-pjanti portaturi huma assi bijoloġiċi.

…

**Definizzjonijiet ġenerali**

**8. It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:**

**…**

***Għotjiet pubbliċi*** **huma kif definiti fl-IAS 20.**

RIKONOXXIMENT U KEJL

…

24. Xi kultant, il-kost jista' jqarreb il-valur ġust, partikolarment meta:

(a) tkun saret ftit li xejn trasformazzjoni bijoloġika minn mindu saret l-ispiża inizjali (pereżempju, għal nebbieta mħawwla immedjatament qabel it-tmiem ta' perjodu ta' rappurtar jew bhejjem mixtrija reċentement); jew

(b) l-impatt tat-trasformazzjoni bijoloġika fuq il-prezz mhuwiex mistenni li jkun materjali (pereżempju, għat-tkabbir inizjali f'ċiklu tal-produzzjoni ta' 30 sena fi pjantaġġun tas-siġar tal-arznu).

…

**Ġenerali**

…

44. L-assi bijoloġiċi konsumabbli huma dawk li għandhom jinħasdu bħala prodott agrikolu jew jinbiegħu bħala assi bijoloġiċi. Eżempji ta' assi bijoloġiċi konsumabbli huma merħliet intenzjonati għall-produzzjoni tal-laħam, merħliet miżmumin għall-bejgħ, ħut f'razzett, għelejjel bħal qamħirrum u qamħ, prodotti ta' pjanta portatura u siġar li qed jitkabbru għall-injam. L-assi bijoloġiċi portaturi huma dawk għajr l-assi bijoloġiċi konsumabbli; pereżempju, merħliet li minnhom jiġi prodott il-ħalib u siġar tal-frott li minnhom jinħasad il-frott. L-assi bijoloġiċi portaturi mhumiex prodott agrikolu iżda, pjuttost, jinżammu biex jipproduċu l-prodotti.

…

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

…

62. *Agrikoltura: Pjanti portaturi* (Emendi għall-IAS 16 u l-IAS 41), maħruġ f'Ġunju 2014, emenda l-paragrafi 1-5, 8, 24 u 44 u żied il-paragrafi 5 A- 5C u 63. Entità tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016 jew wara. Hija permessa applikazzjoni iktar bikrija. Jekk entità tapplika dawn l-emendi għal perjodu preċedenti, din tiddivulga dan il-fatt. Entità tapplika dawk l-emendi b'mod retrospettiv skont l-IAS 8.

63. Fil-perijodu ta' rappurtar, meta *Agrikoltura: Pjanti Portaturi* (Emendi għall-IAS 16 u l-IAS 41) jiġi applikat għall-ewwel darba, entità m'għandhiex għalfejn tiżvela l-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa mill-paragrafu 28(f) tal-IAS 8 għal dak il-perjodu. Madankollu, entità tippreżenta l-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa mill-paragrafu28 (f) tal-IAS 8 għal kull perijodu preċedenti ppreżentat.

EMENDI KONSEGWENZJALI GĦAL STANDARDS OĦRA

**IAS 1 *Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji***

Il-paragrafu 54 huwa emendat.

**Informazzjoni li trid tkun ippreżentata fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja**

**54. Bħala minimu, ir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja jinkludi entrati linja b'linja li jippreżentaw l-ammonti li ġejjin:**

**(a) …**

**(f) assi bijoloġiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 41 *Agrikoltura*;**

**(g) …**

**IAS 17 *Kirjiet***

Il-paragrafu 2 huwa emendat.

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

**2. …**

**Madanakollu, dan l-Istandard ma jintużax bħala l-bażi tal-kejl ta':**

**(a) …**

**(c) assi bijoloġiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 41 *Agrikoltura* miżmuma minn kerrejja taħt kirjiet finanzjarji; jew**

**(d) assi bijoloġiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 41 ipprovdutu mis-sidien taħt kirjiet operattivi.**

**IAS 23 *L-Ispejjeż tas-self***

Il-paragrafi 4 u 7 ġew emendati.

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

…

4. Entità mhijiex meħtieġa tapplika l-Istandard għall-kostijiet tas-self li huma direttament attribwibbli għall-akkwist, il-kostruzzjoni jew il-produzzjoni ta':

(a) ass li jikkwalifika meqjus bil-valur ġust, pereżempju ass bijoloġiku fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 41 *Agrikoltura*; jew

(b) …

DEFINIZZJONIJIET

…

7. Skont iċ-ċirkustanzi, dawn li ġejjin kollha jistgħu jkunu assi li jikkwalifikaw:

   (a) …

   (e) proprjetajiet ta' investiment

   (f) pjanti portaturi.

**IAS 36 *Deterjorament tal-Assi***

Il-paragrafu 2 huwa emendat.

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

**2. Dan l-Istandard jiġi applikat fil-kontabilità għad-deterjorament tal-assi kollha, minbarra:**

   **(a) …**

   **(g) assi bijoloġiċi relatati mal-attività agrikola fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IAS 41 *Agrikoltura* li jitkejlu skont il-valur ġust nieqes il-kostijiet tad-disponiment;**

   **(h) …**

**IAS 40 *Proprjetà għall-Investiment***

Il-paragrafi 4 u 7 ġew emendati.

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

…

4. Dan l-Istandard ma japplikax għal:

   (a) assi bijoloġiċi relatati mal-attività agrikola (ara l-IAS 41 *Agrikoltura* u l-IAS 16 *Proprjetà, Impjanti u Tagħmir*); kif ukoll

   (b) …

KLASSIFIKAZZJONI TAL-PROPRJETÀ BĦALA PROPRJETÀ GĦALL-INVESTIMENT JEW PROPRJETÀ OKKUPATA MINN SIDHA

…

7. Il-proprjetà għall-investiment tinżamm sabiex wieħed idaħħal il-kera jew għall-apprezzament tal-kapital jew għat-tnejn. Għalhekk, proprjetà għall-investiment tiġġenera flussi tal-flus li huma fil-biċċa l-kbira indipendenti mill-assi l-oħrajn miżmuma minn entità. Dan jiddistingwi l-proprjetà għall-investiment minn proprjetà okkupata mis-sid. Il-produzzjoni jew il-provvista ta' oġġetti jew servizzi (jew l-użu ta' proprjetà għal skopijiet amministrattivi) jiġġenera flussi tal-flus li huma attribwibbli mhux biss għall-proprjetà, iżda wkoll għall-assi l-oħrajn użati fil-proċess ta' produzzjoni jew provvista. L-IAS 16 japplika għall-proprjetà okkupata mis-sid.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2114

## tat-23 ta' Novembru 2015

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 48,7 |
| | MA | 71,4 |
| | ZZ | 60,1 |
| 0707 00 05 | AL | 69,7 |
| | MA | 93,8 |
| | TR | 143,9 |
| | ZZ | 102,5 |
| 0709 93 10 | AL | 76,3 |
| | MA | 51,3 |
| | TR | 159,0 |
| | ZZ | 95,5 |
| 0805 20 10 | MA | 99,8 |
| | ZZ | 99,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | TR | 64,6 |
| | ZZ | 64,6 |
| 0805 50 10 | TR | 95,7 |
| | ZZ | 95,7 |
| 0808 10 80 | AU | 166,8 |
| | CA | 159,7 |
| | CL | 83,6 |
| | MK | 32,3 |
| | NZ | 173,1 |
| | US | 107,0 |
| | ZA | 166,0 |
| | ZZ | 126,9 |
| 0808 30 90 | BA | 85,6 |
| | CN | 64,0 |
| | TR | 124,1 |
| | ZZ | 91,2 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2115

## tat-23 ta' Novembru 2015

## li temenda, għall-fini li jiġu adottati valuri limitu speċifiċi għas-sustanzi kimiċi użati fil-ġugarelli, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-formammid

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tat-tfal mir-riskji kkawżati minn sustanzi kimiċi fil-ġugarelli, id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward ta' sustanzi kimiċi bħalma huma dawk ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fwejjaħ allerġeniċi u ċerti elementi. Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/48/KE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta valuri ta' limitu speċifiċi għal sustanzi kimiċi użati f'ġugarelli maħsuba għat-tfal taħt is-36 xahar u f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, sabiex tkun żgurata protezzjoni xierqa f'każ ta' ġugarelli li jinvolvu livell għoli ta' esponiment. L-adozzjoni ta' dawn il-valuri ta' limitu tieħu l-forma ta' inklużjoni fl-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE.

(2) Attwalment, il-valuri limitu applikabbli għal għadd ta' sustanzi kimiċi huma għolja wisq fid-dawl tal-evidenza xjentifika disponibbli jew ma jeżistux. Għalhekk, għal dawn is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu adottati valuri limitu speċifiċi, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-imballaġġ għall-prodotti tal-ikel kif ukoll id-differenzi bejn il-ġugarelli u l-materjali li jmissu mal-ikel.

(3) Sabiex jagħtiha pariri fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi politiki fil-qasam tas-sikurezza tal-ġugarelli, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli. Il-missjoni tas-sottogrupp tiegħu "Sustanzi Kimiċi" hija li jagħti dawn il-pariri fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw fil-ġugarelli.

(4) Il-formammid (numru tal-CAS 75-12-7) jintuża, fost l-oħrajn, fl-industrija tal-plastik u tal-polimeri, partikolarment bħala solvent, plastifikant jew bħala sustanza assoċjata ma' aġent neffieħi użat fil-produzzjoni tal-fowm ([3]). Fl-2010, bosta Stati Membri identifikaw il-formammid f'firxa ta' ġugarelli bil-fowm, bħat-twapet puzzle, u dan qajjem xi tħassib minħabba l-periklu għas-saħħa tat-tfal meta jinġibed man-nifs. Xi Stati Membri ħadu jew kienu qed jikkunsidraw li jieħdu azzjoni regolatorja.

(5) Fid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar il-formammid, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" bbaża fuq l-opinjoni tal-Aġenzija Franċiża għall-Ikel, l-Ambjent u l-Ħarsien tas-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol (ANSES). L-opinjoni rrakkomandat li għandhom jiġu limitati l-emissjonijiet fl-arja tal-formammid mit-twapet puzzle, b'tali mod li ma jkunux jaqbżu l-20μg/$m^3$ imkejla 28 jum wara li jitneħħew mill-imballaġġ u magħluqa f'kamra ta' degassifikazzjoni tat-twapet ġodda qabel jinbiegħu, skont metodu tal-ittestjar ([4]) b'konformità mal-istandards ISO 16000-6 u 16000-9 u f'kundizzjonijiet xierqa għat-teħid ta' kampjuni tal-prodotti u tal-lottijiet ta' prodotti.

([1]) ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([3]) L-Aġenzija Franċiża għall-Ikel, l-Ambjent u l-Ħarsien tas-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol (ANSES), "Opinion on the uses of formamide in consumer goods and health risks related to formamide in children's foam puzzle mats". Opinjoni tal-ANSES, Talba Nru 2010-SA-0302, l-4 ta' Lulju 2011, p. 4.

([4]) Protokoll tat-test tal-emissjonijiet b'umdità relattiva ta' 50 %, temperatura ta' 23 °C, rata ta' tibdil tal-arja ta' 0,5 volum.$h^{-1}$, daqs ta' kamra normali ta' 30 $m^3$ u wiċċ emissiv għat-tapit ta' 1,2 $m^2$.

(6) Is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" kkunsidra wkoll nursery (b'volum tal-kamra ta' 30 $m^3$) b'tapit puzzle kbir (1,2 $m^2$, 720 g) u diversi ġugarelli oħra bil-fowm (li tfisser żieda ta' 1 kg ta' materjali tal-ġugarelli bil-fowm esposti għall-arja). L-arja f'dik in-nursery (rata tat-tibdil tal-arja ta' 0,5 $h^{-1}$) ikun fiha 20 $\mu g/m^3$ ta' formammid wara 28 jum jekk il-kontenut ta' formammid fil-materjali tal-ġugarelli tal-fowm kien ta' madwar 200 mg/kg u ġie emess kompletament.

(7) Il-formammid huwa kklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala tossiku għar-riproduzzjoni, tal-kategorija 1B. Skont il-punt 4 tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, is-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B, bħall-formammid, jistgħu jkunu preżenti fil-ġugarelli b'konċentrazzjonijiet daqs jew inqas mill-konċentrazzjoni rilevanti stabbilita għall-klassifikazzjoni tat-taħlitiet li jkun fihom minnha, jiġifieri 0,5 %, li hu ekwivalenti għal 5 000 mg/kg (limitu ta' kontenut), qabel l-1 ta' Ġunju 2015 u 0,3 %, li hu ekwivalenti għal 3 000 mg/kg (limitu ta' kontenut) wara din. Attwalment, id-Direttiva 2009/48/KE ma tipprovdix valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-formammid.

(8) Fid-dawl ta' dan kollu, meta ltaqa' fit-28 ta' Novembru 2013, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" irrakkomanda li l-emissjonijiet tal-formammid mill-materjali tal-ġugarelli bil-fowm ikunu limitati fl-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE sa 20 $\mu g/m^3$ wara massimu ta' 28 jum minn meta jibda l-ittestjar tal-emissjonijiet. Is-sottogrupp irrakkomanda wkoll, fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Frar 2015, li l-ittestjar tal-emissjonijiet mhuwiex meħtieġ meta l-kontenut ta' formammid ikun ta' 200 mg/kg jew inqas (valur ta' limitu derivat fl-agħar xenarju ta' esponiment possibbli).

(9) M'hemm l-ebda użu magħruf tal-formammid f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li għandu jitqies.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2009/48/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Appendiċi I tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, għandha tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

| Sustanza | Nru tal-CAS | Valur limitu |
|---|---|---|
| "Formammid | 75-12-7 | 20 $\mu g/m^3$ (il-limitu ta' emissjoni) wara massimu ta' 28 jum minn meta jibda l-ittestjar tal-emissjonijiet tal-materjali tal-ġugarelli bil-fowm li fihom aktar minn 200 mg/kg (limitu bbażat fuq il-kontenut)." |

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-24 ta' Mejju 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-24 ta' Mejju 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2116**

**tat-23 ta' Novembru 2015**

**li temenda, għall-fini li jiġu adottati valuri limitu speċifiċi għall-kimiċi użati fil-ġugarelli, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-benżisotijażolinon**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tat-tfal mir-riskji kkawżati minn sustanzi kimiċi fil-ġugarelli, id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward ta' sustanzi kimiċi bħalma huma dawk ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fwejjaħ allerġeniċi u ċerti elementi. Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/48/KE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta valuri limitu speċifiċi għal sustanzi kimiċi użati f'ġugarelli maħsuba għat-tfal taħt is-36 xahar u f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, sabiex tkun żgurata protezzjoni xierqa f'każ ta' ġugarelli li jinvolvu livell għoli ta' esponiment. L-adozzjoni ta' dawn il-valuri limitu tieħu l-forma ta' inklużjoni fl-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE.

(2) Għal għadd ta' sustanzi kimiċi, il-valuri limitu li bħalissa japplikaw huma għolja wisq fid-dawl tal-evidenza xjentifika disponibbli jew ma jeżistux. Għalhekk, għal dawn is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu adottati valuri limitu speċifiċi, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-imballaġġ għall-prodotti tal-ikel kif ukoll id-differenzi bejn il-ġugarelli u l-materjali li jmissu mal-ikel.

(3) Sabiex jagħtiha pariri fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi politiki fil-qasam tas-sikurezza tal-ġugarelli, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli. Il-missjoni tas-sottogrupp tiegħu "Sustanzi Kimiċi" hija li jagħti dawn il-pariri fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw fil-ġugarelli.

(4) Il-1,2-Benżisotijażol-3(2H)-on (1,2-benżisotijażolin-3-on, BIT, numru tal-CAS 2634-33-5) jintuża bħala preservattiv f'ġugarelli b'bażi ta' ilma ([3]) inklużi ż-żebgħa artistika u ż-żebgħa tas-swaba' ([4]), kif jidher fir-riżultati tal-istħarriġ tas-suq li jinvolvi l-operaturi ekonomiċi u l-assoċjazzjonijiet kummerċjali tagħhom, ir-rappreżentanti tal-konsumaturi u ċ-ċentri tal-allerġiji, kif ukoll permezz ta' tiftix bl-Internet u żjarat fil-ħwienet ([5]).

(5) Fid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar il-BIT, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" ibbaża fuq l-opinjoni relatata tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) li jinnota li l-BIT huwa allerġen ta' kuntatt magħruf sew ([6]).

([1]) ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([3]) L-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent (2014) "Survey and health assessment of preservatives in toys. Survey of chemical substances in consumer products" Nru. 124, 2014; it-tabella 24, p. 56.

([4]) L-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent (2014) "Survey and health assessment of preservatives in toys. Survey of chemical substances in consumer products" Nru. 124, 2014; p. 38.

([5]) L-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent (2014) "Survey and health assessment of preservatives in toys. Survey of chemical substances in consumer products" Nru. 124, 2014; p. 19 u l-kumplament.

([6]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), "Opinion on benzisothiazolinone (BIT)". Opinjoni adottata fis-26 u fis-27 ta' Ġunju 2012, p. 16 u 26.

Għalkemm l-opinjoni tqis il-BIT biss bħala sensitizzatur moderat b'saħħa inqas minn preservattivi kożmetiċi oħra mqiegħda fis-suq ([1]), din tikkonkludi li l-isotijażolinoni huma allerġeni ta' kuntatt importanti ħafna għall-konsumatur fl-Ewropa ([2]). Mhuwiex permess l-użu tal-BIT fil-kożmetiċi ([3]).

(6) Il-BIT huwa kklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala sensitizzatur tal-ġilda. Attwalment, id-Direttiva 2009/48/KE la għandha valur limitu speċifiku għall-BIT u lanqas valur limitu ġenerali għas-sensitizzaturi.

(7) Fid-dawl ta' dan kollu, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" qies li l-BIT ma għandux jintuża fil-ġugarelli. Skont l-istandard Ewropew EN 71-9:2005+A1:2007, is-sustanzi li ma għandhomx jintużaw, għandhom jiġu limitati għal-limitu ta' kwantifikazzjoni (LOQ) ta' metodu tal-ittestjar xieraq ([4]). B'hekk, meta ltaqa' fis-26 ta' Marzu 2014, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" irrakkomanda li l-BIT fil-ġugarelli jkun limitat għal-limitu ta' kwantifikazzjoni tiegħu, jiġifieri sa konċentrazzjoni massima ta' 5 mg/kg. L-użu tal-BIT mhuwiex regolat għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

(8) Fid-dawl ta' dan kollu, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE għandu jiġi emendat biex jinkludi limitu ta' kontenut għall-BIT fil-ġugarelli.

(9) Il-limitu ta' kontenut stabbilit minn din id-Direttiva għandu jiġi rieżaminat mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data meta l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2009/48/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, għandha tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

| Sustanza | Nru tal-CAS | Valur limitu |
|---|---|---|
| "1,2-benżisotijażol-3(2H)-on | 2634-33-5 | 5 mg/kg (limitu ta' kontenut) f'materjali b'bażi ta' ilma għall-ġugarelli, skont il-metodi stabbiliti f'EN 71-10:2005 u EN 71-11:2005" |

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-24 ta' Mejju 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-24 ta' Mejju 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([1]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), "Opinion on benzisothiazolinone (BIT)". Opinjoni adottata fis-26 u fis-27 ta' Ġunju 2012, p. 16.
([2]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), "Opinion on benzisothiazolinone (BIT)". Opinjoni adottata fis-26 u fis-27 ta' Ġunju 2012, p. 26.
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).
([4]) EN 71-9:2005+A1:2007, l-Anness A, it-taqsima A.10.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2117**

**tat-23 ta' Novembru 2015**

**li temenda, għall-fini li jiġu adottati valuri ta' limitu speċifiċi għall-kimiċi użati fil-ġugarelli, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-klorometilisotijażolinon u tal-metilisotijażolinon, kemm b'mod individwali kif ukoll fi proporzjon ta' 3:1**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tat-tfal mir-riskji kkawżati minn sustanzi kimiċi fil-ġugarelli, id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward ta' sustanzi kimiċi bħalma huma dawk ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fwejjaħ allerġeniċi u ċerti elementi. Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/48/KE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta valuri ta' limitu speċifiċi għal sustanzi kimiċi użati f'ġugarelli maħsuba għat-tfal taħt is-36 xahar u f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, sabiex tkun żgurata protezzjoni xierqa f'każ ta' ġugarelli li jinvolvu livell għoli ta' esponiment. L-adozzjoni ta' dawn il-valuri limitu tieħu l-forma ta' inklużjoni fl-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE.

(2) Għal għadd ta' sustanzi kimiċi, il-valuri limitu li bħalissa japplikaw huma għolja wisq fid-dawl tal-evidenza xjentifika disponibbli jew ma jeżistux. Għalhekk, għal dawn is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu adottati valuri limitu speċifiċi, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-imballaġġ għall-prodotti tal-ikel kif ukoll id-differenzi bejn il-ġugarelli u l-materjali li jmissu mal-ikel.

(3) Sabiex jagħtiha pariri fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi politiki fil-qasam tas-sikurezza tal-ġugarelli, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli. Il-missjoni tas-sottogrupp tiegħu "Sustanzi Kimiċi" hija li jagħti dawn il-pariri fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw fil-ġugarelli.

(4) Il-5-kloro-2-metilisotijażolin-3(2H)-on (CMI) u 2-metilisotijażolin-3(2H)-on (MI) fi proporzjon ta' 3:1 (numru tal-CAS 55965-84-9) ([3]) u l-komponenti individwali tiegħu CMI (numru tal-CAS 26172-55-4) u MI (numru tal-CAS 2682-20-4) jintużaw bħala preservattivi fil-ġugarelli b'bażi ta' ilma ([4]) inklużi ż-żebgħa artistika, iż-żebgħa tas-swaba', iż-żebgħa tat-twieqi/tal-ħġieġ, il-kolla u l-bżieżaq tas-sapun ([5]).

(5) Fid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar is-CMI u l-MI fi proporzjon ta' 3:1 kif ukoll il-komponenti individwali tas-CMI u l-MI, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" ibbaża ruħu fuq l-opinjoni relatata tal-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER), u jinnota li la s-CMI u l-MI fi proporzjon ta' 3:1 u lanqas il-komponenti individwali tas-CMI jew l-MI mhuma rrakkomandati li jintużaw fil-ġugarelli, minħabba reazzjonijiet allerġiċi ta'

([1]) ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([3]) L-ismijiet kummerċjali huma Kathon, Acticide, Microcare, eċċ., skont il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), Opinjoni dwar it-taħlita ta' 5-kloro-2-metilisotijażolin-3(2H)-on u 2-metilisotijażolin-3(2H)-on. Opinjoni adottata fit-8 ta' Diċembru 2009, p. 6.

([4]) L-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent (2014) Survey and health assessment of preservatives in toys. Survey of chemical substances in consumer products, nru 124, 2014, tabella 24 fil-paġna 56.

([5]) L-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent (2014) Survey and health assessment of preservatives in toys. Survey of chemical substances in consumer products, nru 124, 2014, p. 38–39.

kuntatt osservati b'dawn is-sustanzi fil-kożmetiċi ([6]). Is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" qies ukoll l-opinjoni relatata tal-SCCS li jikkunsidra s-CMI u l-MI fi proporzjon ta' 3:1 bħala allerġen ta' kuntatt estrem fil-bniedem, kif jidher mid-dejta disponibbli ([7]).

(6) Is-CMI u l-MI fi proporzjon ta' 3:1 huma kklassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala sensitizzaturi tal-ġilda; iżda s-CMI u l-MI individwali mhumiex ikklassifikati skont ir-Regolament. Attwalment, id-Direttiva 2009/48/KE la għandha valur limitu speċifiku għas-CMI/MI 3:1, la għas-CMI jew l-MI individwali, u lanqas valur limitu ġenerali għas-sensitizzaturi.

(7) Fid-dawl ta' dan kollu, meta ltaqa' fil-15 ta' Frar 2012, is-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" irrakkomanda li s-CMI u l-MI fi proporzjon ta' 3:1 ma għandhomx jintużaw fil-ġugarelli.

(8) Skont l-Istitut Federali Ġermaniż għall-Valutazzjoni tar-Riskji (BfR, Bundesinstitut für Risikobewertung) ([8]), il-valuri limitu għas-CMI u l-MI, li huma allerġeniċi ħafna, għandhom ikunu stabbiliti f'konċentrazzjoni li titqies bħala protettiva għall-individwi li huma diġà sensitizzati. Dan huwa l-aktar mod strett biex jiġu limitati l-allerġeni, billi l-individwi diġà sensitizzati jsofru minn allerġija anke jekk il-konċentrazzjonijiet tal-allerġen ikunu l-inqas possibbli. Skont l-opinjoni tal-SCCS imsemmija hawn fuq, din il-konċentrazzjoni hija inqas minn 2 mg/kg ([9]).

(9) Skont il-BfR, is-sorveljanza tas-suq tista' tikkwantifika b'mod regolari s-CMI sa 0,75 mg/kg u l-MI sa 0,25 mg/kg ([10]) (limiti ta' kwantifikazzjoni, LOQs).

(10) Fid-dawl ta' dan kollu, meta ltaqa' fit-23 ta' Mejju 2014, il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli rrakkomanda li jiġu limitati ukoll l-użi tas-CMI u l-MI individwali għal-limiti ta' kwantifikazzjoni tagħhom.

(11) Għalkemm hemm limitu ta' migrazzjoni speċifiku għall-MI individwali bħala addittiv biex jintuża f'ċerti materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, is-suppożizzjonijiet bażiċi għad-derivazzjoni ta' dak il-limitu ta' migrazzjoni huma differenti minn dawk għad-derivazzjoni tal-limitu ta' kontenut għall-MI fil-ġugarelli. L-użi tas-CMI u tal-MI fi proporzjon ta' 3:1 u tas-CMI individwali mhumiex regolati għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

(12) Fid-dawl ta' dan kollu, l-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE għandu jiġi emendat biex jinkludi limiti ta' kontenut għas-CMI u għall-MI fi proporzjon ta' 3:1, kif ukoll għas-CMI u għall-MI individwali fil-ġugarelli.

(13) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2009/48/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Appendiċi C tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, għandhom jiżdiedu l-annotazzjonijiet li ġejjin:

| Sustanza | Nru tal-CAS | Valur limitu |
|---|---|---|
| "massa ta' reazzjoni ta': 5-kloro-2-metil-4-isotijażolin-3-on (Nru KE 247-500-7) u 2-metil-2H-isotijażol-3-on [Nru KE 220-239-6] (3:1) | 55965-84-9 | 1 mg/kg (limitu ta' kontenut) f'materjali b'bażi ta' ilma għall-ġugarelli |
| 5-Kloro-2-metil-isotijażolin-3(2H)-on | 26172-55-4 | 0,75 mg/kg (limitu ta' kontenut) f'materjali b'bażi ta' ilma għall-ġugarelli |
| 2-metilisotijażolin-3(2H)-on | 2682-20-4 | 0,25 mg/kg (limitu ta' kontenut) f'materjali b'bażi ta' ilma għall-ġugarelli" |

([6]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER), Opinjoni dwar "CEN's response to the opinion of the CSTEE on the assessment of CEN report on the risk assessment of organic chemicals in toys", adottata fid-29 ta' Mejju 2007, paġna 8 u t-tabella 1 fil-paġna 9.
([7]) Ara l-opinjoni tal-SCCS fin-nota 3 ta' qiegħ il-paġna, p. 35.
([8]) Dokument dwar il-pożizzjoni tal-Istitut Federali Ġermaniż għall-Valutazzjoni tar-Riskji (BfR, Bundesinstitut für Risikobewertung), tal-24 ta' Settembru 2012, p. 4.
([9]) Ara l-opinjoni tal-SCCS fin-nota 3 ta' qiegħ il-paġna, p. 33.
([10]) Ara nota 8 ta' qiegħ il-paġna.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-24 ta' Novembru 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-24 ta' Novembru 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2118

**tat-23 ta' Novembru 2015**

**li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/438/PESK [1] li taħtar lis-Sur Herbert SALBER bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia. Il-mandat tar-RSUE jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2015.

(2) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż għal perijodu ulterjuri ta' 16-il xahar.

(3) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tikkomprometti l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJON:

*Artikolu 1*

### Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-mandat tas-Sur Herbert SALBER bħala r-RSUE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia huwa b'dan estiż sat-28 ta' Frar 2017. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm qabel, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

*Artikolu 2*

### Objettivi ta' politika

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika tal-Unjoni għall-Kawkasu tan-Nofsinhar, inklużi l-objettivi stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew li saret fi Brussell fl-1 ta' Settembru 2008 u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2008, kif ukoll dawk tas-27 ta' Frar 2012. Dawk l-objettivi jinkludu:

(a) f'konformità mal-mekkaniżmi eżistenti, inklużi l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Grupp ta' Minsk tagħha, li ssir prevenzjoni ta' konflitti fir-reġjun, li jingħata kontribut għal soluzzjoni paċifika tal-konflitti fir-reġjun, inklużi l-kriżi fil-Georgia u l-konflitt f'Nagorno-Karabakh, permezz tal-promozzjoni tar-ritorn tar-rifuġjati u tal-persuni spostati f'pajjiżhom u permezz ta' mezzi oħra adatti, u li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' tali soluzzjoni f'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali;

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/438/PESK tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia (ĠU L 200, 9.7.2014, p. 11).

(b) li jfittex djalogu kostruttiv mal-atturi ewlenin interessati fir-rigward tar-reġjun;

(c) li tiġi nkoraġġuta u appoġġata aktar il-kooperazzjoni bejn l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Georgia, u, kif adatt, il-pajjiżi ġirien tagħhom;

(d) li jittejbu l-effettività u l-viżibbiltà tal-Unjoni fir-reġjun.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun:

(a) li jiżviluppa kuntatti mal-gvernijiet, il-parlamenti, atturi politiċi ewlenin oħra, il-ġudikatura u s-soċjetà ċivili fir-reġjun;

(b) li jinkoraġġixxi lill-pajjiżi fir-reġjun biex jikkooperaw dwar temi reġjonali ta' interess komuni, bħal theddid komuni għas-sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, it-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata;

(c) li jikkontribwixxi għas-soluzzjoni paċifika tal-konflitti f'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' tali soluzzjoni f'koordinazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, l-OSCE u l-Grupp ta' Minsk tagħha;

(d) fir-rigward tal-kriżi fil-Georgia:

(i) li jgħin fit-tħejjija tad-diskussjonijiet internazzjonali li jsiru taħt il-punt 6 tal-pjan ta' soluzzjoni tat-12 ta' Awwissu 2008 ("Diskussjoni Internazzjonali ta' Ġinevra") u l-miżuri tiegħu ta' implimentazzjoni tat-8 ta' Settembru 2008, inkluż dwar arranġamenti għas-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun, il-kwistjoni tar-rifuġjati u ta' persuni spostati f'pajjiżhom, abbażi tal-prinċipji rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, u kwalunkwe suġġett ieħor, bi qbil komuni bejn il-partijiet,

(ii) li jgħin biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni u jirrappreżentaha, fil-livell tar-RSUE, fid-diskussjonijiet imsemmija fil-punt (i), u

(iii) li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-pjan ta' soluzzjoni tat-12 ta' Awwissu 2008 u tal-miżuri tiegħu ta' implimentazzjoni tat-8 ta' Settembru 2008;

(e) li jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bini ta' fiduċja f'koordinazzjoni mal-kompetenza esperta tal-Istati Membri fejn disponibbli u adatt;

(f) li jassisti fit-tħejjija, kif adatt, tal-kontributi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' soluzzjoni possibbli tal-konflitt;

(g) li jintensifika d-djalogu tal-Unjoni mal-atturi ewlenin ikkonċernati fir-rigward tar-reġjun;

(h) li jassisti lill-Unjoni fl-iżvilupp ulterjuri ta' politika komprensiva lejn il-Kawkasu tan-Nofsinhar;

(i) li, fil-qafas tal-attivitajiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Linji Gwida tal-Unjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tat-tfal u n-nisa f'żoni milquta minn konflitti, partikolarment permezz tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-iżviluppi f'dan ir-rigward.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat, taħt l-awtorità tar-RGħ.

2. Il-KPS għandu jżomm kollegament privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi lir-RSUE gwida strateġika u direzzjoni politika fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.

3. Ir-RSUE għandu jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u d-dipartimenti rilevanti tiegħu.

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE matul il-perijodu mill-1 ta' Novembru 2015 sat-28 ta' Frar 2017 għandu jkun ta' EUR 2 800 000.

2. In-nefqa għandha tiġi ġestita f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-ġestjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli quddiem il-Kummissjoni għal kull nefqa.

*Artikolu 6*

**Formazzjoni u kompożizzjoni tal-grupp**

1. Fil-limiti tal-mandat tar-RSUE u l-mezzi finanzjarji korrispondenti li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-formazzjoni ta' grupp. Il-grupp għandu jinkludi l-kompetenza esperta rigward kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif jirrikjedi l-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront dwar il-kompożizzjoni tal-grupp.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s-SEAE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal mar-RSUE. Is-salarju ta' tali persunal issekondat għandu jkun kopert mill-Istat Membru kkonċernat, mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni jew mis-SEAE, rispettivament. L-esperti ssekondati mill-Istati Membri mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mas-SEAE jistgħu wkoll jiġu assenjati lir-RSUE. Il-persunal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li jibagħtu, tal-istituzzjoni tal-Unjoni li tibagħtu jew tas-SEAE u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

4. Il-persunal tar-RSUE għandu jiġi kollokat mad-dipartimenti rilevanti tas-SEAE jew id-delegazzjonijiet tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u tal-persunal tar-RSUE**

Il-privileġġi, immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-twettiq u l-funzjonament regolati tal-missjoni tar-RSUE u tal-membri tal-persunal tar-RSUE għandhom jiġu miftehmin mal-pajjiżi ospitanti, kif adatt. L-Istati Membri u s-SEAE għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan il-għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

Ir-RSUE u l-membri tal-grupp tar-RSUE għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([1]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

*Artikolu 9*

**Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li r-RSUE tingħata aċċess għal kull informazzjoni rilevanti.

2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u/jew l-Istati Membri, kif adatt, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

F'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà ta' persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titlu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, f'konformità mal-mandat tar-RSUE u skont is-sitwazzjoni tas-sigurtà fiż-żona ta' responsabbiltà, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tar-RSUE, b'mod partikolari billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku bbażat fuq gwida mis-SEAE, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi, li jirregolaw il-ġestjoni tal-moviment mingħajr periklu tal-persunal lejn, u ġewwa, iż-żona ta' responsabbiltà, kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u inkluż pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni;

(b) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra l-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni kontra riskju gravi, kif ikunu jeħtieġu l-kondizzjonijiet fiż-żona ta' responsabbiltá;

(c) jiżgura li l-membri kollha tal-grupp tar-RSUE li jiġu skjerati barra l-Unjoni, inkluż persunal ikkuntrattat lokalment, ikunu rċevew taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jaslu fiż-żona ta' responsabbiltá jew kif jaslu, abbażi tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati lil dik iż-żona mis-SEAE;

(d) jiżgura li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet miftehmin kollha, li jkunu saru wara valutazzjonijiet regolari ta' sigurtà, u jippreżenta rapporti bil-miktub lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapport ta' progress u tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 11*

**Rappurtar**

Ir-RSUE għandu regolarment jipprovdi rapporti orali u bil-miktub lir-RGħ u lill-KPS. Ir-RSUE għandu jippreżenta wkoll rapport skont il-ħtieġa lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Ir-rapporti regolari għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-netwerk COREU. Ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill Affarijiet Barranin. F'konformità mal-Artikolu 36 tat-Trattat, ir-RSUE jista' jkun involut fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni**

1. Ir-RSUE għandu jikkontribwixxi għall-unità, il-konsistenza u l-effettività tal-azzjoni tal-Unjoni u għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-Unjoni u l-azzjonijiet kollha tal-Istati Membri jkunu impenjati b'mod konsistenti, sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' dawk tal-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jipprovdi aġġornamenti regolari lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

2. Fuq il-post għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri, li għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jassistu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE, *f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni għall-Georgia*, għandu jipprovdi gwida politika lokali lill-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia). Ir-RSUE u l-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili għall-EUMM Georgia għandhom jikkonsultaw ma' xulxin skont in-neċessità. Ir-RSUE għandu wkoll iżomm kollegament ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħrajn fuq il-post.

*Artikolu 13*

**Assistenza fir-rigward ta' pretensjonijiet**

Ir-RSUE u l-persunal tar-RSUE għandhom jassistu fil-provvediment ta' elementi bħala rispons għal kwalunkwe pretensjoni u obbligu li jirriżultaw mill-mandati tar-Rappreżentanti Speċjali għall-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia preċedenti, u għandhom jipprovdu assistenza amministrattiva u aċċess għall-fajls rilevanti għal tali skopijiet.

*Artikolu 14*

**Analiżi**

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjoni għar-reġjun għandhom jiġu analizzati regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta rapport tal-progress lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-aħħar ta' Ġunju 2016 u rapport komprensiv dwar l-implementazzjoni tal-mandat sal-aħħar ta' Novembru 2016.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2015.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. MEISCH

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2119

## tal-20 ta' Novembru 2015

## li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-produzzjoni ta' pannelli bbażati fuq l-injam

*(notifikata bid-dokument C(2015) 8062)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tagħha,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni stabbilixxiet forum magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali permezz tad-Deċiżjoni tas-16 ta' Mejju 2011 li tistabbilixxi forum għall-iskambju tal-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni kisbet l-opinjoni ta' dak il-forum dwar il-kontenut propost tad-dokument ta' referenza tal-BAT għall-produzzjoni ta' pannelli bbażati fuq l-injam fl-24 ta' Settembru 2014 u għamlitu pubblikament disponibbli.

(3) Il-konklużjonijiet tal-BAT kif stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huma l-element ewlieni tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u jistabbilixxu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni għall-valutazzjoni tal-applikabbiltà tagħhom, il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn applikabbli, il-miżuri għar-rimedjar tas-sit rilevanti.

(4) Il-konklużjonijiet tal-BAT huma r-referenza għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet tal-permess għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II tad- Direttiva 2010/75/UE u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, taħt kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-BAT.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-konklużjonijiet BAT għall-produzzjoni tal-pannelli bbażati fuq l-injam, kif stabbilit fl-Anness, huma adottati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.
([2]) ĠU C 146, 17.5.2011, p. 3.

*ANNESS*

**KONKLUŻJONIJIET TAL-BAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' PANNELLI BBAŻATI FUQ L-INJAM**


**IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI** ........ 32

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI** ........ 33

**DEFINIZZJONIJIET U AKRONIMI** ........ 34

1.1. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI TAL-BAT ........ 36

1.1.1. Sistema ta' mmaniġġjar ambjentali ........ 36

1.1.2. Manutenzjoni tajba ........ 37

1.1.3. Storbju ........ 38

1.1.4. Emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art ........ 38

1.1.5. Il-ġestjoni tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika ........ 39

1.1.6. Irwejjaħ ........ 40

1.1.7. Il-ġestjoni tal-iskart u r-residwi ........ 40

1.1.8. Monitoraġġ ........ 41

1.2. L-EMISSJONIJIET FL-ARJA ........ 43

1.2.1. L-emissjonijiet kanalati ........ 43

1.2.2. L-emissjonijiet diffużi ........ 47

1.3. L-EMISSJONIJIET FL-ILMA ........ 48

1.4. DESKRIZZJONI TAT-TEKNIKI ........ 49

1.4.1. L-emissjonijiet fl-arja ........ 49

1.4.2. L-emissjonijiet fl-ilma ........ 51


## IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jikkonċernaw l-attivitajiet speċifikati fis-Sezzjoni 6.1(c) tal-Anness I għad-Direttiva 2010/75/UE, jiġifieri:

— il-produzzjoni fl-istallazzjonijiet industrijali ta' pannella bbażata fuq l-injam waħda jew iktar minn fost dawn li ġejjin: bord b'ħajta orjentata, bord tal-partikuli jew fajberbord b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż is-600 $m^3$ fil-jum.

B'mod partikolari, dawn il-konklużjonijiet tal-BAT ikopru dawn li ġejjin:

— il-manifattura ta' pannelli bbażati fuq l-injam;

— impjanti tal-kombustjoni fuq il-post (inklużi magni) li jiġġeneraw gassijiet jaħarqu għal nixxiefa msaħħnin direttament;

— il-manifattura ta' karta mxappa bir-reżini.

Dawn il-konklużjonijiet tal-BAT ma jindirizzawx l-attivitajiet u l-proċessi li ġejjin:

— impjanti tal-kombustjoni fuq il-post (inklużi magni) li ma jiġġenerawx gassijiet jaħarqu għal nixxiefa msaħħnin direttament;

— il-laminazzjoni, l-għoti tal-verniċ jew iż-żbigħ ta' bord mhux maħduma.

Dawn li ġejjin huma dokumenti ta' referenza oħrajn li huma relevanti għall-attivitajiet koperti minn dawn il-konklużjonijiet tal-BAT:

| Dokument ta' referenza | Suġġett |
|---|---|
| Il-monitoraġġ ta' Emissjonijiet fl-arja u l-ilma minn installazzjonijiet IED (ROM) | Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja u l-ilma |
| Impjanti tal-Kombustjoni Kbar (LCP) | It-tekniki ta' kombustjoni |
| L-Inċinerazzjoni tal-Iskart (WI) | L-inċinerazzjoni tal-iskart |
| L-Effiċjenza Enerġetika (ENE) | L-effiċjenza enerġetika |
| It-Trattament tal-Iskart (WT) | It-trattament tal-iskart |
| L-Emissjonijiet mill-Ħżin (EFS) | Il-ħżin u t-tqandil tal-materjali |
| L-Ekonomija u l-Effetti bejn il-Midjums (ECM) | L-ekonomija u l-effetti bejn il-midjums tat-tekniki |
| L-industrija tas-Sustanzi Kimiċi Organiċi b'Volum Kbir (LVOC) | Il-produzzjoni ta' melamina, reżini tal-urea-formaldeid u metilen difenil diisoċjanat |

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

L-AĦJAR TEKNIKI DISPONIBBLI

It-tekniki elenkati u deskritti f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT la huma preskrittivi u lanqas eżawrjenti. Jistgħu jintużaw tekniki oħrajn li jiżguraw livell tal-inqas indaqs ta' ħarsien tal-ambjent.

Sakemm ma jingħadx mod ieħor, il-konklużjonijiet tal-BAT japplikaw b'mod ġenerali.

IL-LIVELLI TA' EMISSJONIJIET MABRUTIN MAL-BAT (BAT-AELs) GĦALL-EMISSJONIJIET FL-ARJA

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, il-BAT-AELs għall-emissjonijiet fl-arja f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirreferu għall-konċentrazzjonijiet mogħtijin bħala massa ta' sustanza emessa għal kull volum ta' gass ta' skart f'kundizzjonijiet standard (273,15 K, 101,3 kPa) u fuq bażi xotta, mogħtija fl-unità mg/Nm$^3$.

Il-livelli ta' referenza tal-ossiġenu huma dawn li ġejjin:

| Sors tal-emissjoni | Livelli ta' referenza tal-ossiġenu |
|---|---|
| Nixxiefa tal-PB jew OSB direttament imsaħħnin waħedhom jew flimkien mal-pressa | 18 % ossiġenu skont il-volum |
| Is-sorsi kollha l-oħrajn | Ebda korrezzjoni għall-ossiġenu |

Il-formula biex tiġi kkalkolata l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet fil-livell ta' referenza tal-ossiġenu hija:

$$E_R = \frac{21 - O_R}{21 - O_M} \times E_M$$

fejn: $E_R$ (mg/Nm$^3$): konċentrazzjoni tal-emissjonijiet fil-livell ta' referenza tal-ossiġenu;

$O_R$ (vol-%): il-livell ta' referenza tal-ossiġenu;

$E_M$ (mg/Nm$^3$): il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet imkejla;

$O_M$ (vol-%): il-livell tal-ossiġenu mkejjel.

Il-BAT-AELs għall-emissjonijiet fl-arja jirreferu għall-medja matul il-perjodu tal-kampjunar, jiġifieri kif ġej:

| |
|---|
| Il-valur medju ta' tliet kejliet konsekuttivi ta' tal-inqas 30 minuta l-wieħed ([1]) |

([1]) Jista' jintuża perjodu ta' kejl iktar xieraq għal kwalunkwe parametru li bih, minħabba l-limitazzjonijiet fil-kampjunar jew analitiċi, kejl ta' 30 minuta ma jkunx xieraq.

IL-LIVELLI TA' EMISSJONIJIET MARBUTIN MAL-BAT (BAT-AELs) GĦALL-EMISSJONIJIET FL-ILMA

Il-BAT-AELs għall-emissjonijiet fl-ilma mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirreferu għall-valuri ta' konċentrazzjonijiet (massa ta' sustanzi emessi għal kull volum ta' ilma), mogħtija fl-unità mg/l.

Dawn il-BAT-AELs jirreferu għall-medja ta' kampjuni miksubin f'sena, jiġifieri l-medja ponderata skont il-fluss tal-kampjuni komposti kollha proporzjonati għall-fluss tul 24 siegħa, meħudin f'sena bil-frekwenza minima stabbilita għall-parametru relevanti u f'kundizzjonijiet operazzjonali normali.

Il-formula sabiex tiġi kkalkolata l-medja ponderata għall-fluss tal-kampjuni komposti kollha proporzjonati għall-fluss tul 24 siegħa hija:

$$c_w = \sum_{i=1}^{n} c_i q_i / \sum_{i=1}^{n} q_i$$

fejn: $c_w$ = il-konċentrazzjoni medja ponderata għall-fluss tal-parametru;

$n$ = in-numru ta' kejliet;

$c_i$ = il-konċentrazzjoni medja tal-parametru matul il-perjodu ta' żmien numru i;

$q_i$ = ir-rata ta' fluss medja matul il-perjodu ta' żmien numru i.

Il-kampjunar proporzjonat għaż-żmien jista' jintuża diment li jkun jista' jintwera li l-fluss huwa stabbli biżżejjed.

Il-BAT-AELs kollha għall-emissjonijiet fl-ilma japplikaw fil-punt li fih l-emissjoni titħalli l-installazzjoni.

**Definizzjonijiet u akronimi**

Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| COD | Domanda kimika ta' ossiġenu; l-ammont ta' ossiġenu meħtieġ għall-ossidazzjoni sħiħa tal-materja organika f'diossidu tal-karbonju (normalment b'referenza għal analiżi b'ossidazzjoni tad-dikromat). |
| Kejl kontinwu | Determinazzjoni kontinwa ta' mikjel bl-użu ta' "sistema ta' kejl awtomatizzata" (AMS) installata jew "sistema ta' monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet" (CEM). |
| Pressa kontinwa | Pressa tal-pannelli li tippressa tapit kontinwament. |
| Emissjonijiet diffużi | Emissjonijiet mhux kanalizzati li ma jinħelsux permezz ta' punti ta' emissjoni speċifiċi bħal munzelli. |
| Nixxief imsaħħan direttament | Nixxief li bih il-gassijiet jaħarqu minn impjant ta' kombustjoni, jew xi sors ieħor, jidħlu f'kuntatt diretta mal-partikuli, strands jew il-fibri li jridu jitnixxfu. It-tnixxif isir permezz ta' konvezzjoni. |
| Trab | Materja partikolata totali. |
| Impjant eżistenti | Impjant li mhuwiex impjant ġdid. |
| Fibra | Komponenti linjoċellulożiċi tal-injam jew materjali oħrajn tal-impjanti miġjuba permezz tal-ippolpar termomekkaniku jew mekkaniku bl-użu ta' rfinatur. Il-fibri jintużaw bħala l-materjal tal-bidu biex jiġi prodott il-fajberbord. |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Fajberbord | Kif definit fl-EN 316 jiġifieri "materjal tal-pannelli bi ħxuna nominali ta' 1,5 mm jew iktar, manifatturat minn fibri linjoċellulożiċi bl-applikazzjoni tas-sħana u/jew il-pressjoni". Il-fajberbords jinkludu bords tal-proċess niedi (ħardbord, bord medja, bord ratba) u fajberbord tal-proċess xott (MDF). |
| Injam iebes | Grupp ta' speċijiet ta' injam inklużi l-luq, il-fagu, il-betula u l-ewkaliptu. It-terminu njam iebes jintuża bħala l-oppost tat-terminu njam artab. |
| Nixxief imsaħħan indirettament | Nixxief li bih it-tnixxif jinkiseb biss permezz ta' sħana mir-radjazzjoni u l-konduzzjoni. |
| Tiswir tat-tapit | Il-proċess tat-tfassil tal-partikuli, il-ħjut jew il-fibri sabiex jinħoloq it-tapit, li jmur fil-pressa. |
| Pressa b'bosta fetħiet | Pressa tal-pannelli li tippressa pannella waħda fformata individwalment jew iktar. |
| Impjant ġdid | L-ewwel impjant awtorizzat fuq il-post tal-installazzjoni wara li jiġu ppubblikati dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jew sostituzzjoni ta' impjant sħiħ wara li jiġu ppubblikati dawn il-konklużjonijiet tal-BAT. |
| $NO_X$ | Is-somma ta' ossidu tan-nitroġenu (NO) u diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$), mogħtija bħala $NO_2$. |
| OSB | Bord b'ħajta orjentata, kif definita fl-EN 300 jiġifieri "bord b'bosta saffi magħmul primarjament minn ħjut tal-injam flimkien ma' legant. Il-ħjut fis-saff ta' barra huma allinjati u jitqiegħdu paralleli mat-tul jew il-wisgħa tal-bord. Il-ħjut fis-saff jew saffi interni jistgħu jiġu orjentati jew allinjati kif jiġi, ġeneralment f'90 grad mal-ħjut fis-saffi esterni". |
| PB | Bord tal-partikuli, kif definita fl-EN 309 jiġifieri "materjal tal-pannelli manifatturat taħt il-pressjoni u s-sħana minn partikuli tal-injam (laqx, biċċiet żgħar, biċċiet taċ-ċana, ċana u l-bqija tal-injam) u/jew materjal linjoċellulożiku ieħor f'forma ta' partikuli (soddiedi tal-kittien, soddiedi tal-qanneb, biċċiet tal-bagasse u l-bqija), biż-żieda tal-kolla". |
| PCDD/F | Dibenżo-diossini u furani poliklorinati |
| Kejl perjodiku | Kejl f'intervalli ta' żmien speċifikati bl-użu ta' metodi ta' referenza manwali jew awtomatizzati. |
| Ilma tal-proċess | Ilma mormi miġjub minn proċessi u attivitajiet fi ħdan l-impjant tal-produzzjoni, eskluż ilma tal-iskol tas-superfiċje. |
| Injam irkuprat | Materjal li fil-parti l-kbira fih injam. L-injam irkuprat jista' jkun jikkonsisti "f'injam ikkonvertit" u "residwi tal-injam". "Injam ikkonvertit" huwa materjal li fil-parti l-kbira huwa magħmul minn injam miġjub direttament minn injam irriċiklat wara l-użu mill-konsumaturi. |
| Irfinar | It-trasformar tal-fibri tal-biċċiet żgħar tal-injam bl-użu ta' rfinatur. |
| Injam tond | Virgun ta' zokk. |
| Injam artab | Injam minn koniferi inklużi arżnu u abit. It-terminu njam artab jintuża bħala l-oppost tat-terminu njam iebes. |
| Ilma tal-iskol tas-superfiċje | Ilma minn skol u żbokki tax-xita, miġbur minn żoni għall-apert fejn jinħażnu l-virguni, inklużi żoni tal-ipproċessar fuq barra. |
| TSS | Solidi totalment sospiżi (f'ilma mormi); konċentrazzjoni massa tas-solidi sospiżi kollha kif imkejlin b'iffiltrar permezz tal-filtri tal-fibra tal-ħġieġ u l-gravimetrija. |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| TVOC | Komposti Organiċi Volatili Totali, mogħtija bħala C (fl-arja). |
| Ipproċessar tal-injam upstream u downstream | Kull tqandil u manipolar attiv, ħżin jew trasport ta' partikuli, biċċiet tal-laqx, ħjut jew fibri tal-injam u ta' pannelli pressati. L-ipproċessar upstream jinkludi l-ipproċessar kollu tal-injam minn meta l-materjal mhux maħdum tal-injam jitlaq miż-żona tal-ħżin. L-ipproċessar downstream jinkludi l-proċessi kollha wara li l-pannella toħroġ mill-pressa u sakemm il-pannella mhux maħduma jew il-prodott tal-pannella b'valur miżjud jittieħdu għall-ħżin. L-ipproċessar tal-injam upstream u downstream ma jinkludix il-proċess tat-tnixxif jew il-pressa tal-pannelli. |

## 1.1. IL-KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI TAL-BAT

### 1.1.1. **Sistema tal-immaniġġjar ambjentali**

*BAT 1. Sabiex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali, il-BAT għandha timplimenta u taderixxi ma' sistema ta' mmaniġġjar ambjentali (EMS) li tinkorpora dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin:*

I. impenn meħud mill-maniġment, inkluż il-maniġment superjuri;

II. id-definizzjoni ta' politika ambjentali li tinkludi t-titjib bla heda tal-installazzjoni mill-maniġment;

III. l-ippjanar u l-istabbiliment tal-proċeduri, l-objettivi u l-miri meħtieġa, flimien mal-ippjanar finanzjarju u l-investiment;

IV. l-implimentazzjoni ta' proċeduri li jixħtu attenzjoni partikolari fuq:

(a) l-istruttura u r-responsabbiltà

(b) ir-reklutaġġ, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u l-kompetenza

(c) il-komunikazzjoni

(d) l-involviment tal-impjegati

(e) id-dokumentazzjoni

(f) il-kontroll effettiv tal-proċessi

(g) il-programmi ta' manutenzjoni

(h) it-tħejjija u r-rispons għal emerġenzi

(i) is-salvagwardja tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali;

V. il-verifika tal-prestazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva, filwaqt li tinxteħet attenzjoni partikolari fuq:

(a) il-monitoraġġ u l-kejl (ara wkoll ir-Rapport ta' Referenza dwar il-Monitoraġġ)

(b) it-teħid ta' azzjoni korrettiva u preventiva

(c) iż-żamma ta' rekords

(d) l-awditjar intern u estern indipendenti (fejn dan ikun jista' jsir) sabiex jiġi stabbilit jekk l-EMS tikkonformax mal-arranġamenti ppjanati u ġietx implimentata u miżmuma kif suppost;

VI. ir-reviżjoni tal-EMS l-idoneità, l-adegwatezza u l-effettività ssoktati tagħha mill-maniġment superjuri;

VII. l-għoti ta' segwitu lill-iżvilupp ta' teknoloġiji iktar nodfa;

VIII. l-għoti ta' kunsiderazzjoni lill-impatti ambjentali mill-iżmantellar tal-installazzjoni fl-istadju tat-tfassil ta' impjant ġdid, u matul il-ħajja operattiva tiegħu;

IX. l-applikazzjoni ta' parametraġġ referenzjarju settorjali fuq bażi regolari.

F'ċerti każijiet, il-karatteristiċi li ġejjin jagħmlu parti mill-EMS:

X. il-pjan ta' mmaniġġjar tal-iskart (ara l-BAT 11);

XI. il-pjan ta' kontroll tal-kwalità għall-injam irkuprat użata bħala materja prima għall-pannelli u użat bħala fjuwil (ara l-BAT 2b);

XII. il-pjan ta' mmaniġġjar tal-istorbju (ara l-BAT 4);

XIII. il-pjan ta' mmaniġġjar tal-irwejjaħ (ara l-BAT 9);

XIV. il-pjan ta' mmaniġġjar tat-trab (ara l-BAT 23).

Applikabilità

L-ambitu (eż. il-livell ta' dettall) u l-għamla tal-EMS (eż. standardizzata jew mhux standardizzata) ġeneralment ser ikunu marbutin mal-għamla, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjoni, u l-firxa tal-impatti ambjentali li jista' jkollha.

### 1.1.2. **Manutenzjoni tajba**

*BAT 2. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tal-proċess ta' produzzjoni, il-BAT trid tapplika prinċipji tal-manutenzjoni tajba billi tuża t-tekniki kollha pprovduti hawn taħt.*

| | Deskrizzjoni |
|---|---|
| a | Għażla u kontroll bir-reqqa tas-sustanzi kimiċi u l-addittivi. |
| b | L-applikazzjoni ta' programm għall-kontroll tal-kwalità tal-injam irkuprat użat bħala materja prima u/jew bħala fjuwil ([1]), b'mod partikolari sabiex jiġu kkontrollati sustanzi niġġiesa bħal As, Pb, Cd, Cr, Cu, Hg, Zn, kloru, fluworu u PAH. |
| c | Tqandil u ħżin bil-galbu ta' materja prima u skart. |
| d | Manutenzjoni u tindif regolari tat-tagħmir, ir-rotot ta' trasport u ż-żoni ta' ħżin tal-materja prima. |
| e | Reviżjoni tal-possibilitajiet ta' użu mill-ġdid tal-ilma tal-proċess u l-użu ta' sorsi tal-ilma sekondarji. |

([1]) *EN 14961-1:2010 jista' jintuża għall-klassifikazzjoni ta' bijofjuwils solidi.*

*BAT 3. Sabiex jonqsu l-emissjonijiet fl-arja kemm jista' jkun, BAT trid topera s-sistemi ta' trattament tal-gass ta' skart b'disponibilità għolja u f'kapaċità ottimali f'kundizzjonijiet operazzjonali normali.*

Deskrizzjoni

Jistgħu jiġu definiti proċeduri speċjali għal kundizzjonijiet operazzjonali mhux tas-soltu, b'mod partikolari:

(i) matul l-operazzjonijiet ta' xegħil u tifi;

(ii) matul ċirkustanzi speċjali oħrajn li jistgħu jaffettwaw it-tħaddim tas-sistemi kif suppost (eż. xogħol ta' mantuenzjoni regolari u straordinarju u operazzjonijiet ta' tindif tal-impjant ta' kombustjoni u/jew tas-sistema ta' trattament tal-gass ta' skart).

### 1.1.3. **L-istorbju**

*BAT 4. Sabiex jiġu evitati minn qabel jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, jitnaqqsu l-istorbju u l-vibrazzjonijiet, il-BAT trid tuża waħda mit-tekniki mogħtijin hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Deskrizzjoni | Applikabilità |
|---|---|---|
| **Tekniki għall-prevenzjoni tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet** | | |
| a | Ippjanar strateġiku tat-tifsila tal-impjant sabiex ikun lest għall-iktar operazzjonijiet storbjużi, eż. sabiex il-binjiet fuq il-post jaġixxu bħala iżolament. | Ġeneralment applikabbli f'impjanti ġodda. It-tifsila ta' sit tista' tillimita l-applikabilità fuq impjanti eżistenti |
| b | L-applikazzjoni ta' programm li jtaffi l-istorbju li jinkludi mmappjar tas-sorsi tal-istorbju, l-istabbiliment ta' riċetturi mhux fuq il-post, l-immudellar tal-propagazzjoni tal-istorbju u l-evalwazzjoni tal-iktar miżuri kosteffikaċi u l-implimentazzjoni tagħhom. | Ġeneralment applikabbli |
| ċ | It-twettiq ta' stħarriġijiet regolari tal-istorbju bil-monitoraġġ tal-livelli ta' storbju barra l-konfini tas-sit. | |
| **Tekniki għat-tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet mis-sorsi punt** | | |
| d | L-għeluq ta' tagħmir storbjuż f'kompartimenti jew billi jiġu inkapsulati u u billi l-binjiet jinbnew b'materjali li jiżolaw il-ħoss. | Ġeneralment applikabbli |
| e | Diżakkoppjar ta' tagħmir individwali sabiex tiġi evitata minn qabel u limitata l-propagazzjoni tal-vibrazzjonijiet u l-istorbju minn reżonanza. | |
| f | Iżolament minn sorsi punt bl-użu ta' silencer, stabbilizzaturi, attenwaturi fuq sorsi ta' storbju, eż. fannijiet, bokki akustiċi, maflers, u għeluq akustiku tal-filtri. | |
| g | Iż-żamma tal-kanċelli u l-bibien magħluqin il-ħin kollu meta ma jkunux qed jintużaw. Tnaqqis kemm jista' jkun tal-għoli tal-waqgħa meta jitħatt l-injam tond. | |
| **Tekniki għat-tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet fil-livell tas-sit** | | |
| h | Tnaqqis tal-istorbju minn traffiku u bil-limitazzjoni tal-veloċità tat-traffiku intern u għat-trakkijiet li jidħlu fis-sit. | Ġeneralment applikabbli |
| i | Limitazzjoni tal-attivitajiet fuq barra matul il-lejl. | |
| j | Manutenzjoni regolari tat-tagħmir kollu. | |
| k | L-użu ta' ħitan li jilqgħu mill-istorbju, barrieri naturali u imbankmenti sabiex jiġu ssorveljati s-sorsi ta' storbju. | |

### 1.1.4. **L-emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art**

*BAT 5. Sabiex jiġu evitati emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art, il-BAT trid tuża t-tekniki mogħtijin hawn taħt.*

I. tagħbija u ħatt ta' reżini u materjali awżiljari oħrajn f'żoni speċifiċi biss li huma protetti kontra l-iskol minn tnixxijiet;

II. meta jkun għadu jrid jintrema, iġbor il-materjal kollu u aħżnu fiż-żoni speċifikati protetti kontra l-iskol minn tnixxijiet;

III. għammar il-fosos kollha jew il-faċilitajiet intermedjarji oħrajn ta' ħżin fejn jistgħu jseħħu tnixxijiet b'alarms li jattivaw b'livelli għoljin ta' likwidu;

IV. stabbilixxi u implimenta programm għall-ittestjar u l-ispezzjonar ta' tankijiet u pipelines li jġorru reżini, addittivi u taħlitiet ta' reżini;

V. għamel spezzjonijiet għal tnixxijiet fuq il-flanġi u l-valvs kollha fuq pajpijiet użati sabiex jiġu ttrasportati materjali għajr l-ilma u l-injam; żomm rekord ta' dawn l-ispezzjonijiet;

VI. ipprovdi sistema ta' konteniment li tiġbor kwalunkwe tnixxija minn flanġi u valvs fuq pajpijiet użati sabiex jiġu ttrasportati materjali għajr l-ilma u l-injam, ħlief meta l-binja tal-flanġi u l-valvs tkun teknikament issiġillata;

VII. ipprovdi provvista adegwata ta' booms ta' konteniment u materjal assorbenti xieraq;

VIII. evita pajpijiet taħt l-art għat-trasport ta' sustanzi għajr l-ilma u l-injam;

IX. iġbor u armi b'mod sikur l-ilma kollu użat għat-tifi tan-nar;

X. ibni qigħan impermeabbli fil-baċiri ta' ritenzjoni għall-ilma tal-iskol tas-superfiċje minn żoni ta' ħżin tal-injam li jinsabu fuq barra.

### 1.1.5. **Il-ġestjoni tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika**

*BAT 6. Sabiex jonqos il-konsum tal-enerġija, il-BAT trid tadotta pjan ta' mmaniġġjar tal-enerġija, li jinkludi t-tekniki kollha msemmija hawn taħt.*

I. uża sistema li tissorvelja l-użu u l-ispejjeż tal-enerġija;

II. agħmel awditjar tal-effiċjenza enerġetika ta' operazzjonijiet kbar;

III. uża approċċ sistematiku sabiex ittejjeb b'mod kontinwu t-tagħmir ħalli żżid l-effiċjenza enerġetika;

IV. tejjeb il-kontrolli tal-użu tal-enerġija;

V. applika taħriġ intern fil-ġestjoni tal-enerġija għall-operaturi.

*BAT 7. Sabiex titjieb l-effiċjenza enerġetika, il-BAT trid tottimizza l-operazzjoni tal-impjant ta' kombustjoni billi tissorvelja u tikkontrolla l-parametri ewlenin tal-kombustjoni (eż. $O_2$, CO, NOx) u tapplika waħda mit-tekniki msemmija hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Neħħi l-ilma mill-ħama tal-injam qabel ma tintuża bħala fjuwil | Ġeneralment applikabbli |
| b | Irkupra s-sħana minn gassijiet ta' skart jaħarqu f'sistemi ta' tnaqqis tan-nida bl-użu ta' skambjatur tas-sħana | Applikabbli għal impjanti b'sistema ta' tnaqqis tan-nida u meta tkun tista' tintuża l-enerġija rkuprata |
| c | Erġa' ċċirkola l-gassijiet ta' skart jaħarqu minn proċessi differenti fl-impjant ta' kombustjoni jew saħħan bil-lest il-gassijiet jaħarqu għan-nixxief | L-applikabilità tista' tkun ristretta għal nixxiefa msaħħnin indirettament, nixxiefa tal-fibri jew meta l-konfigurazzjoni tal-impjant ta' kombustjoni ma tippermettix li tiżdied arja kkontrollata |

*BAT 8. Sabiex l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti meta jitħejjew fibri mxarrbin għall-produzzjoni tal-fabjerbord, il-BAT trid tuża waħda mit-tekniki msemmija hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabilità |
|---|---|---|---|
| a | Tindif u trattib tal-biċċiet żgħar tal-injam | Tindif u ħasil mekkaniċi tal-biċċiet żgħar tal-injam mhux maħdumin | Applikabbli għal impjanti rfinaturi ġodda u restawrazzjonijiet kbar |
| b | Evaporazzjoni tal-vakwu | Irkupru tal-ilma jaħraq għall-ġenerazzjoni tal-fwar | Applikabbli għal impjanti rfinaturi ġodda u restawrazzjonijiet kbar |
| c | Irkupru tas-sħana mill-fwar matul l-irfinar | Skambjaturi tas-sħana sabiex tipproduċi ilma jaħraq għall-ġenerazzjoni tal-fwar u l-ħasil tal-biċċiet żgħar tal-injam | Applikabbli għal impjanti rfinaturi ġodda u restawrazzjonijiet kbar |

### 1.1.6. **L-irwejjaħ**

*BAT 9. Sabiex jiġu evitati jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, jitnaqqsu l-irwejjaħ mill-istallazzjoni, il-BAT trid tistabbilixxi, timplimenta u tirrevedi b'mod regolari pjan ta' mmaniġġjar tal-irwejjaħ, bħala parti mis-sistema ta' mmaniġġjar ambjentali (ara l-BAT 1), li tinkludi l-elementi kollha li ġejjin:*

I. protokoll li fih l-azzjonijiet u meta għandhom jittieħdu;

II. protokoll għat-twettiq tal-monitoraġġ tal-irwejjaħ;

III. protokoll għar-rispons għal avvenimenti ta' rwejjaħ identifikati;

IV. programm ta' prevenzjoni u tnaqqis tal-irwejjaħ imfassal sabiex jidentifika s-sors(i); titkejjel/tiġi stmata l-espożizzjoni għall-irwejjaħ; jiġu kkaratterizzati l-kontribuzzjonijiet tas-sorsi; u jiġu implimentati miżuri ta' prevenzjoni u/jew tnaqqis.

Applikabilità

L-applikabilità hija ristretta għal każijiet li fihom jistgħu jkunu mistennija u/jew ġew irrapportati rwejjaħ li jdejqu lin-nies f'żoni residenzjali jew sensittivi oħrajn (eż. żoni ta' divertiment).

*BAT 10. Sabiex jiġu evitati u jintaqqsu l-irwejjaħ, il-BAT trid tittratta l-gass ta' skart min-nixxief u l-pressa, skont il-BAT 17 u 19.*

### 1.1.7. **Il-ġestjoni tal-iskart u r-residwi**

*BAT 11. Sabiex tiġi evitata jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, titnaqqas il-kwantità ta' skart li jintbagħat għar-rimi, il-BAT trid tadotta u timplimenta pjan ta' mmaniġġjar tal-iskart bħala parti mis-sistema ta' mmaniġġjar ambjentali (ara l-BAT 1) li, fl-ordni ta' prijorità, jiżgura li l-iskart jiġi evitat, jitħejja sabiex jerġa' jintuża, jiġi rriċiklat jew irkuprat b'xi mod ieħor.*

*BAT 12. Sabiex tonqos il-kwantità ta' skart solidu li jintbagħat għar-rimi, il-BAT trid tuża waħda mit-tekniki mogħtijin hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Użu mill-ġdid ta' residwi tal-injam miġburin internament, bħal trimmings u pannelli rrifjutati, bħala materja prima. | L-applikabilità għall-prodotti tal-pannelli tal-fajberbord irrifjutati tista' tkun limitata. |
| b | Użu ta' residwi tal-injam miġburin internament, bħal wood fines u trab miġburin f'sistema ta' tnaqqis tat-trab u ħama tal-injam mill-filtrazzjoni tal-ilma mormi, bħala fjuwil (f'impjanti tal-kombustjoni fuq il-post mgħammra kif xieraq) jew bħala materja prima. | L-użu ta' ħama tal-injam bħala fjuwil jista' jkun ristrett jekk il-konsum tal-enerġija meħtieġ għat-tnixxif jisboq il-benefiċċji ambjentali. |
| c | L-użu ta' sistemi ta' ġbir taċ-ċrieki b'unità ta' filtrazzjoni ċentrali waħda sabiex jiġi ottimizzat il-ġbir ta' residwi, eż. filtru b'borża, ċiklofiltru, jew ċikluni b'effiċjenza għolja. | Ġeneralment applikabbli għal impjanti ġodda. It-tifsila ta' impjant eżistenti tista' tillimita l-applikabilità. |

*BAT 13. Sabiex jiġu żgurati l-immaniġġjar sikur u l-użu mill-ġdid tal-gagazza u l-irmied tal-qiegħ miksub mit-tqabbid tal-bijomassa, il-BAT trid tuża t-tekniki kollha mogħtijin hawn taħt.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Analiżi kontinwa tal-għażliet għal użu mill-ġdid fuq il-post jew mhux fuq il-post tal-irmied u l-gagazza tal-qiegħ. | Ġeneralment applikabbli. |
| b | Proċess ta' kombustjoni effiċjenti li jbaxxi l-kontenut ta' karbonju residwu. | Ġeneralment applikabbli. |
| c | Tqandil u trasport sikuri tal-irmied u l-gagazza tal-qiegħ f'konvejers u kontenituri magħluqin, jew permezz ta' umidifikazzjoni. | L-umidifikazzjoni hija meħtieġa biss meta l-irmied u l-gagazza tal-qiegħ jixxarrbu għal raġunijiet ta' sikurezza. |
| d | Ħżin sikur tal-irmied u l-gagazza tal-qiegħ f'żona impermeabbli ddisinjata b'akkumulazzjoni ta' lissija. | Ġeneralment applikabbli. |

### 1.1.8. **Il-monitoraġġ**

*BAT 14. Il-BAT trid tissorvelja l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma u tissorvelja l-proċess tal-ġassijiet miċ-ċmieni skont l-istandards EN, tal-inqas bil-frekwenza indikata hawn taħt. Jekk ma hemmx standards EN disponibbli, il-BAT trid tuża standards tal-ISO, nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li jiżguraw li tingħata l-istess kwalità xjentifika.*

**Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja min-nixxief u għal emissjonijiet ittrattati kombinati min-nixxief u l-pressa**

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| Trab | EN 13284-1 | Kejl perjodiku tal-inqas darba kull sitt xhur | BAT 17 |
| TVOC [1] | EN 12619 | | BAT 17 |
| Formaldeid | Ebda standard EN disponibbli [6] | | BAT 17 |
| $NO_X$ | EN 14792 | | BAT 18 |
| HCl [4] | EN 1911 | | — |
| HF [4] | ISO 15713 | | — |
| $SO_2$ [2] | EN 14791 | Kejl perjodiku tal-inqas darba fis-sena | — |
| Metalli [3] [4] | EN 13211 (għal Hg), EN 14385 (għal metalli oħrajn) | | — |
| PCDD/F [4] | EN 1948 partijiet 1, 2 u 3 | | — |
| $NH_3$ [5] | Ebda standard EN disponibbli | | — |

(1) Il-metan issorveljat skont EN ISO 25140 jew EN ISO 25139 jitnaqqas mir-riżultat meta jintużaw gass naturali, LPG, eċċ. bħala fjuwil.
(2) Mhux relevanti meta jintużaw fjuwils miġjuba mill-injam, gass naturali, LPG, eċċ. bħala fjuwil.
(3) Inklużi As, Cd, Co, Cr, Cu, Hg, Mn, Ni, Pb, Sb, Tl u V.
(4) Relevanti jekk jintuża njam irkuprat kontaminat bħala fjuwil.
(5) Relevanti jekk tiġi applikata RMKS.
(6) Fin-nuqqas ta' standard EN, l-approċċ ideali huwa kampjunar isokinetiku f'soluzzjoni pressanti b'sonda msaħħna u kaxxa filtru u mingħajr ħasil tas-sonda, eż. fuq il-bażi tal-metodu US EPA M316.

**Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja mill-pressa**

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| Trab | EN 13284-1 | Kejl perjodiku tal-inqas darba kull sitt xhur | BAT 19 |
| TVOC | EN 12619 | | BAT 19 |
| Formaldeid | Ebda standard EN disponibbli (2) | | BAT 19 |

**Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja minn fran tat-tnixxif bit-tixpip tal-karti**

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| TVOC (1) | EN 12619 | Kejl perjodiku tal-inqas darba fis-sena | BAT 21 |
| Formaldeid | Ebda standard EN disponibbli (2) | | BAT 21 |

(1) Il-metan issorveljat skont EN ISO 25140 jew EN ISO 25139 jitnaqqas mir-riżultat meta jintużaw gass naturali, LPG, eċċ. bħala fjuwil.
(2) Fin-nuqqas ta' standard EN, l-approċċ ideali huwa kampjunar isokinetiku f'soluzzjoni pressanti b'sonda msaħħna u kaxxa filtru u mingħajr ħasil tas-sonda, eż. fuq il-bażi tal-metodu US EPA M316.

**Monitoraġġ tal-emissjonijiet merħija fl-arja mill-ipproċessar upstream u downstream**

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| Trab | EN 13284-1 (1) | Kejl perjodiku tal-inqas darba fis-sena (1) | BAT 20 |

(1) Kampjunar minn filtri b'borża u ċiklofiltri jista' jittiħidlu postu minn monitoraġġ kontinwu tat-tnaqqis tal-pressjoni fil-filtru bħala parametru surrogat indikattiv.

**Il-monitoraġġ tal-gass taċ-ċmieni mill-proċess ta' kombustjoni li wara jintuża għan-nixxiefa msaħħnin direttament** (1)

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| $NO_X$ | Perjodiku: EN 14792<br>Kontinwu: EN 15267-1 sa 3 u EN 14181 | Kejl perjodiku tal-inqas darba fis-sena jew kejl kontinwu | BAT 7 |
| CO | Perjodiku: EN 15058<br>Kontinwu: EN 15267-1 sa 3 u EN 14181 | | BAT 7 |

(1) Il-punt ta' kejl isir qabel ma l-gass taċ-ċmieni jitħallat ma' nixxigħat tal-arja oħrajn u jsir biss jekk ikun teknikament fattibbli.

**Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet f'ilma mill-produzzjoni tal-fibri tal-injam**

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| TSS | EN 872 | Kejl perjodiku tal-inqas darba fil-ġimgħa. | BAT 27 |
| COD [1] | Ebda standard EN disponibbli | | BAT 27 |
| TOC (Karbonju organiku totali, mogħti bħala C) | EN 1484 | | — |
| Metalli [2], jekk relevanti (eż. meta jintuża njam irkuprat) | Bosta standards EN disponibbli | Kejl perjodiku tal-inqas darba kull sitt xhur. | — |

(1) Hemm tendenza li COD tinbidel ma' TOC għal raġunijiet ekonomiċi u ambjentali. Għandha tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn iż-żewġ parametri fuq bażi speċifika għas-sit.
(2) Inklużi As, Cr, Cu, Ni, Pb u Zn.

**Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-ilma minn ilma tal-iskol tas-superfiċje**

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|
| TSS | EN 872 | Kejl perjodiku tal-inqas darba kull tliet xhur [1] | BAT 25 |

(1) Il-kampjunar proporzjonat għall-fluss jista' jittiħidlu postu minn proċedura ta' kampjunar standard oħra jekk il-fluss ma jkunx qawwi biżżejjed biex jittieħed kampjun rappreżentattiv.

*BAT 15. Sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà u l-effiċjenza tat-tekniki użati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-BAT trid tissorvelja l-parametri surrogati xierqa.*

Deskrizzjoni

Il-parametri surrogati ssorveljati jistgħu jinkludu: il-fluss tal-arja tal-gass ta' skart; it-temperatura tal-gass ta' skart; id-dehra tal-emissjonijiet; il-fluss tal-ilma u t-temperatura tal-ilma għall-purifikaturi; it-tnaqqis fil-vultaġġ għall-preċipitaturi elettrostatiċi; il-veloċità tal-fannijiet u t-tnaqqis tal-pressjoni fil-filtri b'borża. L-għażla tal-parametri surrogati tiddependi mit-tekniki implimentati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-emissjonijiet.

*BAT 16. Il-BAT trid tissorvelja l-parametri tal-proċess ewlenin relevanti għall-emissjonijiet fl-ilma mill-proċess ta' produzzjoni, inkluż il-fluss tal-ilma mormi, il-pH u t-temperatura.*

1.2. L-EMISSJONIJIET FL-ARJA

### 1.2.1. **L-emissjonijiet kanalati**

*BAT 17. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja min-nixxief, il-BAT trid tikseb u żżomm taħt kontroll tħaddim ibbilanċjat tal-proċess tat-tnixxif u tuża waħda mit-tekniki mogħtijin hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Teknika | Sustanzi niġġiesa ewlenin imnaqqsin | Applikabilità |
|---|---|---|---|
| a | Tnaqqis tat-trab tal-gass jaħraq tad-dħul f'nixxief imsaħħan direttament flimkien ma' waħda mit-tekniki elenkati hawn taħt jew taħlita tagħhom | Trab | L-applikabilità tista' tkun ristretta, eż. f'każijiet ta' berners tat-trab tal-injam iżgħar diġà preżenti. |
| b | Filtru b'borża [1] | Trab | Applikabbli għal nixxiefa msaħħnin indirettament biss. Minħabba tħassib dwar is-sikurezza, trid toqgħod attent b'mod partikolari meta tuża njam irkuprat biss. |

| | Teknika | Sustanzi niġġiesa ewlenin imnaqqsin | Applikabilità |
|---|---|---|---|
| ċ | Ċiklun ([1]) | Trab | Ġeneralment applikabbli. |
| d | Nixxief UTWS u kombustjoni bi skambjatur tas-sħana u trattament termali ta' gass ta' skart meħlus tan-nixxief ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | Mhux applikabbli għal nixxiefa tal-fibri.<br>L-applikabilità tista' tkun limitata għal impjanti tal-kombustjoni eżistenti mhux xierqa għal wara l-kombustjoni tal-fluss parzjali tal-gass ta' skart tan-nixxief. |
| e | Preċipitatur elettrostatiku niedi ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | Ġeneralment applikabbli. |
| f | Purifikaturi niedja ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | Ġeneralment applikabbli. |
| g | Bijopurifikatur ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | L-applikabilità tista' tkun limitata minħabba l-konċentrazzjonijiet għoljin ta' trab u t-temperaturi għoljin fil-gass ta' skart min-nixxief. |
| h | Degradazzjoni kimika jew qbid ta' formaldeid b'sustanzi kimiċi flimkien ma' sistema ta' purifikazzjoni niedja | Formaldeid | Ġeneralment applikabbli f'sistemi ta' tnaqqis niedja. |

([1]) Id-deskrizzjonijiet tat-tekniki huma pprovduti fis-Sezzjoni 1.4.1.

*Tabella 1*

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għal emissjonijiet fl-arja min-nixxief u għal emissjonijiet ittrattati kombinati min-nixxief u l-pressa**

| Parametru | Prodott | Tip ta' nixxief | Unità | BAT-AELs (medja tul il-perjodu ta' kampjunar) |
|---|---|---|---|---|
| **Trab** | PB jew OSB | Nixxief imsaħħan direttament | mg/Nm³ | 3–30 |
| | | Nixxief imsaħħan indirettament | | 3–10 |
| | Fibra | It-tipi kollha | | 3–20 |
| **TVOC** | PB | It-tipi kollha | | < 20–200 ([1]) ([2]) |
| | OSB | | | 10–400 ([2]) |
| | Fibra | | | < 20–120 |
| **Formaldeid** | PB | It-tipi kollha | | < 5–10 ([3]) |
| | OSB | | | < 5–20 |
| | Fibra | | | < 5–15 |

([1]) Dan il-BAT-AEL ma japplikax meta jintuża l-arżnu bħala l-materja prima predominanti.
([2]) Emissjonijiet inqas minn 30 mg/Nm³ jistgħu jinkisbu bl-użu ta' nixxief UTWS.
([3]) Meta prattikament tuża njam irkuprat biss, il-limitu superjuri tal-medda jista' jitla' sa 15 mg/Nm³.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

*BAT 18. Sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja min-nixxiefa msaħħnin direttament, il-BAT trid tuża t-teknika (a) jew it-teknika (a) flimkien mat-teknika (b).*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | It-tħaddim effiċjenti tal-proċess ta' kombustjoni bl-użu ta' kombustjoni fi stadji tal-arja u tal-fjuwil, filwaqt li jiġu applikati kombustjoni pulverizzata, bojlers b'sodda fluwida jew tqabbid tal-gradilja li tiċċaqlaq | Ġeneralment applikabbli |
| b | Tnaqqis mhux katalitiku selettiv (SNCR) b'injezzjoni u reazzjoni bl-urea jew ammonijaka likwida | L-applikabilità tista' tkun limitata minn kundizzjonijiet ta' kombustjoni ferm varjabbli |

*Tabella 2*

**Livelli ta' emissjoni assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għal emissjonijiet ta' $NO_X$ fl-arja minn nixxief imsaħħan direttament**

| Parametru | Unità | BAT-AELs (medja tul il-perjodu ta' kampjunar) |
|---|---|---|
| **$NO_X$** | $mg/Nm^3$ | 30–250 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

*BAT 19. Sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-pressa, il-BAT trid tuża interferenza fil-kanal tal-gass ta' skart miġbur mill-pressa u taħlita xierqa tat-tekniki pprovduti hawn taħt.*

| | Teknika | Sustanzi niġġiesa ewlenin imnaqqsin | Applikabilità |
|---|---|---|---|
| a | Agħżel reżini b'kontenut baxx ta' formaldeid | Komposti organiċi volatili | L-applikabilità tista' tkun ristretta, eż. minħabba d-domandi għal kwalità speċifika tal-prodott |
| b | It-tħaddim ikkontrollat tal-pressa b'temperatura tal-pressa, pressjoni applikata u veloċità tal-pressa bbilanċjati | Komposti organiċi volatili | L-applikabilità tista' tkun ristretta, e. g. minħabba t-tħaddim tal-pressa għal kwalitajiet speċifiċi tal-prodott |
| ċ | Purifikazzjoni niedja tal-gassijiet ta' skart tal-pressa miġburin bl-użu ta' purifikaturi Venturi jew idroċikluni, eċċ. ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | Ġeneralment applikabbli |
| d | Preċipitatur elettrostatiku niedi ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | |
| e | Bijopurifikatur ([1]) | Trab, komposti organiċi volatili | |
| f | Postkombustjoni bħala l-aħħar stadju tat-trattament wara li jiġu applikati purifikatur niedi | Trab, komposti organiċi volatili | L-applikabilità tista' tkun ristretta għal installazzjonijiet eżistenti meta ma jkunx hemm impjant ta' kombustjoni xieraq disponibbli |

([1]) Id-deskrizzjonijiet tat-tekniki jingħataw fis-Sezzjoni 1.4.1.

*Tabella 3*

**Livelli ta' emissjoni assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-arja mill-pressa**

| Parametru | Unità | BAT-AELs (medja tul il-perjodu ta' kampjunar) |
|---|---|---|
| **Trab** | $mg/Nm^3$ | 3–15 |
| **TVOC** | $mg/Nm^3$ | 10–100 |
| **Formaldeid** | $mg/Nm^3$ | 2–15 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

BAT 20. *Sabiex jonqsu l-emissjonijiet ta' trab fl-arja mill-ipproċessar upstream u downstream tal-injam, l-għoddi tal-materjali tal-injam u t-tiswir tat-twapet, il-BAT irid juża filtru b'borża jew inkella ċiklofiltru.*

Applikabilità

Minħabba tħassib marbut mas-sikurezza, filtru b'borża jew ċiklofiltru jaf ma jkunx applikabbli meta jintuża njam irkuprat bħala materja prima. F'dak il-każ, tista' tintuża teknika ta' tnaqqis niedja (eż. purifikatur).

*Tabella 4*

**Livelli ta' emissjoni assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet kanalati ta' trab fl-arja mill-ipproċessar upstream u downstream tal-injam, l-għoddi ta' materjali tal-injam u t-tiswir tat-twapet**

| Parametru | Unità | BAT-AELs (medja tul il-perjodu ta' kampjunar) |
|---|---|---|
| **Trab** | $mg/Nm^3$ | < 3–5 (1) |

(1) Meta filtru b'borża jew ċiklofiltru ma jkunx applikabbli, il-limitu superjuri tal-medda jista' jitla' sa 10 $mg/Nm^3$.

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

BAT 21. *Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili fl-arja mill-fran tat-tnixxif għat-tixpip tal-karta, il-BAT trid tuża waħda mit-tekniki mogħtijin hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Agħżel u uża reżini b'kontenut baxx ta' formaldeid | Ġeneralment applikabbli |
| b | It-tħaddim ikkontrollat tal-fran b'temperatura u veloċità bbilanċjati | |
| ċ | Ossidazzjoni termali tal-gass ta' skart f'ossidizzatur termali riġenerattiv jew ossidizzatur termali katalitiku (1) | |

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| d | Postkombustjoni jew inċinerazzjoni tal-gass ta' skart f'impjant tal-kombustjoni | L-applikabilità tista' tkun ristretta għal installazzjonijiet li diġà jeżistu fejn ma jkunx hemm impjant ta' kombustjoni xieraq fuq il-post |
| e | Purifikazzjoni niedja tal-gass ta' skart segwita mit-trattament f'bijofiltru ([1]) | Ġeneralment applikabbli |

([1]) Id-deskrizzjoni tat-teknika tingħata fis-Sezzjoni 1.4.1.

*Tabella 5*

**Livelli ta' emissjoni assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għal TVOC u emissjonijiet ta' formaldeid fl-arja minn forn tat-tnixxif għat-tixpip tal-karta**

| Parametru | Unità | BAT-AELs (medja tul il-perjodu ta' kampjunar) |
|---|---|---|
| **TVOC** | $mg/Nm^3$ | 5–30 |
| **Formaldeid** | $mg/Nm^3$ | < 5–10 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

### 1.2.2. **L-emissjonijiet diffużi**

*BAT 22. Sabiex jiġu evitati jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, jitnaqqsu l-emissjonijiet diffużi fl-arja mill-pressa, il-BAT trid tottimizza l-effiċjenza tal-ġbir tal-effluwent gassuż u ġġorr l-effluwenti gassużi għat-trattament (ara l-BAT 19).*

Deskrizzjoni

Il-ġbir u t-trattament effettivi tal-gassijiet ta' skart (ara l-BAT 19) f'daqqa fil-ħruġ tal-pressa u tul il-linja tal-pressa għal pressi kontinwi. Għal pressi b'ħafna fetħiet li diġà qegħdin hemm, l-applikabilità tal-għeluq tal-pressa tista' tkun ristretta minħabba raġunijiet ta' sikurezza.

*BAT 23. Sabiex jonqsu l-emissjonijiet diffużi ta' trab fl-arja mit-trasport, it-tqandil, u l-ħżin ta' materjali tal-injam, il-BAT trid tistabbilixxi u timplimenta pjan ta' mmaniġġjar tat-trab, bħala parti mis-sistema ta' mmaniġġjar ambjentali (ara l-BAT 1) u tapplika waħda mit-tekniki mogħtijin hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Naddaf ir-rotot tat-trasport, iż-żoni ta' ħżin u l-vetturi b'mod regolari | Ġeneralment applikabbli |
| b | Ħott iċ-ċana billi tuża żoni ta' ħatt mgħottijin li tista' ssuq fihom | |
| c | Aħżen materjal suxxettibbli għat-trab taċ-ċana f'sajlos, kontenituri, munzelli msaqqfin, eċċ. jew għalaq iż-żoni fejn taħżen kwantitajiet kbar | |
| d | Taffi l-emissjonijiet tat-trab billi tbexx bl-ilma | |

1.3. L-EMISSJONIJIET FL-ILMA

*BAT 24. Sabiex tonqos it-tagħbija tat-tniġġis tal-ilma mormi miġbur, il-BAT trid tuża ż-żewġ tekniki mogħtijin hawn taħt.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Iġbor, u ttratta b'mod separat, l-ilma tal-iskol tas-superfiċje u l-ilma mormi tal-proċess | L-applikabilità tista' tkun ristretta fuq impjanti eżistenti minħabba l-konfigurazzjoni tal-infrastruttura tal-iskolar eżistenti |
| b | Aħżen kull injam ħlief injam tond u qatgħat ta' njam ([1]) fuq żona b'wiċċ iebes | Ġeneralment applikabbli |

([1]) Biċċa njam esterna, bis-saff ta' barra nett imneħħi jew le, mill-ewwel qatgħat fi proċess ta' tqattigħ sabiex iz-zokk tagħmlu njam li jista' jintuża biex jinħadem ("timber").

*BAT 25. Sabiex tnaqqas l-emisjonijiet fl-ilma mill-ilma tal-iskol tas-superfiċje, il-BAT trid tuża taħlita tat-tekniki mogħtijin hawn taħt.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Separazzjoni mekkanika ta' materjali ħorox bi lqugħ u passaturi bħala trattament preliminari | Ġeneralment applikabbli |
| b | Separazzjoni taż-żejt mill-ilma ([1]) | Ġeneralment applikabbli |
| ċ | Tneħħija tas-solidi bis-sedimentar fil-baċiri ta' ritenzjoni jew fil-vaski ta' dikantazzjoni ([1]) | Jista' jkun hemm restrizzjonijiet fl-applikabilità tas-sedimentazzjoni minħabba rekwiżiti marbutin mal-ispazju |

([1]) Id-deskrizzjonijiet tat-tekniki jingħataw fis-Sezzjoni 1.4.2.

*Tabella 6*

**Livelli ta' emissjoni assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għal TSS għall-iskariku dirett ta' ilma tal-iskol tas-superfiċje f'korp tal-ilma reċipjenti**

| Parametru | Unità | BAT-AELs (medja tal-kampjuni miksuba f'sena) |
|---|---|---|
| **TSS** | mg/l | 10–40 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

*BAT 26. Sabiex tiġi evitata jew titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-ilma mormi tal-proċess mill-produzzjoni tal-fibra tal-injam, il-BAT trid tirriċikla l-ilma tal-proċess kemm jista' jkun.*

Deskrizzjoni

Irriċikla l-ilma tal-proċess mill-ħasil, it-tisjir u/jew l-irfinar tal-biċċiet żgħar tal-injam f'ċirkwiti magħluqin jew miftuħin billi tittrattah fil-livell tal-impjant irfinatur bit-tneħħija mekkanika tas-solidi, bl-iktar mod xieraq, jew permezz tal-evaporazzjoni.

*BAT 27. Sabiex jonqsu l-emissjonijiet f'ilma mill-produzzjoni tal-fibri tal-injam, BAT trid tuża taħlita tat-tekniki mogħtijin hawn taħt.*

| | Teknika | Applikabilità |
|---|---|---|
| a | Separazzjoni mekkanika ta' materjali ħorox permezz ta' lqugħ u passaturi | Ġeneralment applikabbli |
| b | Separazzjoni fiżikokimika, eż. bl-użu ta' filtri tar-ramel, flotazzjoni tal-arja dissolta, koagulazzjoni u flokkulazzjoni ([1]) | |
| c | Trattament bijoloġiku ([1]) | |

([1]) Id-deskrizzjonijiet tat-tekniki jingħataw fis-Sezzjoni 1.4.2.

*Tabella 7*

**Livelli ta' emissjoni assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-iskariku dirett f'korp tal-ilma riċevitur tal-ilma mormi tal-proċess mill-produzzjoni tal-fibra tal-injam**

| Parametru | BAT-AELs (medja tal-kampjuni miksuba f'sena) |
|---|---|
| | mg/l |
| **TSS** | 5–35 |
| **COD** | 20–200 |

Il-monitoraġġ assoċjat huwa fil-BAT 14.

*BAT 28. Sabiex tiġi evitata jew titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-ilma mormi mis-sistemi ta' tnaqqis tal-arja niedja li ser ikollu bżonn jiġi ttrattat qabel ma jiġi skarikat, il-BAT trid tuża waħda mit-tekniki mogħtijin hawn taħt jew taħlita tagħhom.*

| Teknika ([1]) | Applikabilità |
|---|---|
| Sedimentazzjoni, dikantazzjoni, pressi tal-viti u ċ-ċinturini sabiex jitneħħew is-solidi li jakkumulaw f'sistemi ta' tnaqqis niedja | Ġeneralment applikabbli |
| Flotazzjoni tal-arja dissolta. Koagulazzjoni u flokkulazzjoni segwiti mit-tneħħija ta' flokkuli bi flotazzjoni megħjuna bl-arja dissolta | |

([1]) Id-deskrizzjonijiet tat-tekniki jingħataw fis-Sezzjoni 1.4.2.

## 1.4. DESKRIZZJONI TAT-TEKNIKI

### 1.4.1. **L-emissjonijiet fl-arja**

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Bijofiltru | Bijofiltru jiddegrata l-komposti organiċi permezz ta' ossidazzjoni bijoloġika. Nixxiegħa ta' gass ta' skart tingħadda minn sodda ta' sostenn ta' materjal inerti (eż. plastik jew ċeramika) li fuqha jiġu ossidati l-komposti organiċi permezz ta' organiżmi li jseħħu b'mod naturali. Il-bijofiltru huwa sensittiv għal trab, temperaturi għoljin jew varjazzjoni kbira fit-temperatura tad-dħul tal-gass ta' skart. |
| Bijopurifikatur | Bijopurifikatur huwa bijofiltru kombinat ma' purifikaturi niedja li jikkundizzjona l-gass ta' skart minn qabel billi jneħħi t-trab u jbaxxi t-temperatura tad-dħul. L-ilma jiġi rriċiklat kontinawment, billi jidħol mill-wiċċ tal-kolonna tas-sodda mpakkettata, mnejn inixxi bil-mod. L-ilma jinġabar f'vaska ta' dikantazzjoni fejn tkompli ssir degradazzjoni addizzjonali. L-aġġustament tal-pH u ż-żieda tan-nutrijenti jistgħu jottimizzaw id-degradazzjoni. |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Ċiklun | Ċiklun juża l-inerzja biex ineħħi t-trab min-nixxigħat ta' gass ta' skart billi jittrażmetti forzi ċentrifugi, normalment ġo kompartiment f'forma ta' kon. Iċ-ċikluni jintużaw bħala pretrattament qabel tnaqqis tat-trab ulterjuri jew tnaqqis ta' komposti organiċi. Iċ-ċikluni jistgħu jiġu applikati waħedhom jew bħala multiċikluni. |
| Ċiklofiltru | Ċiklofiltru juża taħlita ta' teknoloġija ta' ċiklun (biex jissepara trab iktar aħrax) u filtri b'borża (biex jaqbad trab iktar fin). |
| Preċipitatur elettrostatiku (ESP) | Il-preċipitaturi elettrostatiċi joperaw b'tali mod li l-partikuli jiġu kkargati u separati taħt l-influwenza ta' kamp elettriku. L-EPS kapaċi jopera f'medda wiesgħa ta' kundizzjonijiet. |
| Preċipitatur elettrostatiku niedi (WESP) | Il-preċipitatur elettrostatiku niedi jikkonsisti fi stadju tal-purifikaturi niedja, li jippurifika u jikkondensal-gass ta' skart, u preċipitatur elettrostatiku li jopera f'modalità niedja li fiha l-materjal miġbur jitneħħa mill-platti tal-kolletturi billi jixxarrab bl-ilma. Normalment jiġi installat mekkaniżmu li jneħħi l-qtar tal-ilma qabel l-iskariku tal-gass ta' skart (eż. demister). It-trab miġbur jiġi separat mill-fażi tal-ilma. |
| Filtru b'borża | Il-filtri b'borża jikkonsistu fi drapp minsuġ jew bil-feltru poruż li minnu jgħaddu l-gassijiet biex jitneħħew il-partikuli. L-użu ta' filtru b'borża jeħtieġ li jingħażel drapp xieraq għall-karatteristiċi tal-effluwent tal-gass u t-temperatura operazzjonali massima. |
| Ossidant termali katalitiku (CTO) | L-ossidanti termali katalitiċi jeqirdu l-komposti organiċi katalitikament fuq wiċċ tal-metall u termalment f'kompartiment tal-kombustjoni fejn fjamma mill-kombustjoni ta' fjuwil, normalment gass naturali, u l-VOCs preżenti fil-gass ta' skart, isaħħnu n-nixxiegħa ta' gass ta' skart. It-temperatura tal-inċinerazzjoni hija ta' bejn 400 °C u 700 °C. Is-sħana tista' tiġi rkuprata mill-gass ta' skart ittrattat qabel ma jinħeles. |
| Ossidant termali riġenerattiv (RTO) | L-ossidanti termali jeqirdu l-komposti organiċi termalment f'kompartiment tal-kombustjoni fejn fjamma mill-kombustjoni ta' fjuwil, normalment gass naturali, u l-VOCs preżenti fil-gass ta' skart, isaħħnu n-nixxiegħa ta' gass ta' skart. It-temperatura tal-inċinerazzjoni hija ta' bejn 800 °C u 1 100 °C. L-ossidanti termali riġenerattivi għandhom żewġ kompartimenti sodda ppakkjata taċ-ċeramika jew iktar fejn is-sħana tal-kombustjoni minn ċiklu tal-inċinerazzjoni fl-ewwel kompartiment tintuża sabiex issaħħan minn qabel is-sodda ppakkjata fit-tieni kompartiment. Is-sħana tista' tiġi rkuprata mill-gass ta' skart ittrattat qabel ma jinħeles. |
| Nixxief UTWS u kombustjoni bi skambjatur tas-sħana u trattament termali ta' gass ta' skart skarikat ta' nixxief | UTWS huwa akronimu Ġermaniż: "Umluft" (riċirkulazzjoni ta' gass ta' skart ta' nixxief), "Teilstromverbrennung" (postkombustjoni ta' nixxiegħa parzjali diretta ta' gass ta' skart ta' nixxief), "Wärmerückgewinnung" (irkupru tas-sħana ta' gass ta' skart ta' nixxief), "Staubabsheidung" (trattament tat-trab tal-iskariku ta' emissjoni fl-arja mill-impjant ta' kombustjoni).<br><br>UTWS huwa taħlita ta' nixxief li jdur bi skambjatur tas-sħana u impjant ta' kombustjoni b'riċirkulazzjoni tal-gass ta' skart tan-nixxief. Il-gass ta' skart tan-nixxief li jiġi riċirkulat huwa nixxiegħa ta' fwar jaħraq li tippermetti li jsir proċess ta' tnixxif bil-fwar. Il-gass ta' skart tan-nixxief jerġa' jissaħħan fi skambjatur tas-sħana msaħħan bl-effluwenti tal-gass tal-kombustjoni u jerġa' jiddaħħal fin-nixxief. Parti min-nixxiegħa ta' gass ta' skart tan-nixxief tibqa' tiddaħħal kontinwament fil-kompartiment ta' kombustjoni għall-postkombustjoni. Is-sustanzi niġġiesa meħlusin mit-tnixxif tal-injam jinqerdu fl-iskambjatur tas-sħana u mill-postkombustjoni. L-effluwenti tal-gassijiet skarikati mill-impjant ta' kombustjoni jiġu ttrattati b'filtru b'borża jew preċipitatur elettrostatiku. |
| Purifikatur niedi | Il-purifikaturi niedja jaqbdu u jneħħu trab permezz ta' impattazzjoni inerzjali, interċettazzjoni diretta u assorbiment fil-fażi tal-ilma. Il-purifikaturi niedja jista' jkollhom bosta disinni u prinċipji tat-tħaddim, eż. purifikaturi bi sprej, purifikaturi bi platt tat-trażmissjoni jew purifikaturi Venturi, u jistgħu jintużaw bħala pretrattament tat-trab jew teknika waħedha. Ftit mit-tneħħija tal-komposti organiċi jista' jinkiseb u jista' jkompli jissaħħaħ bl-użu ta' sustanzi kimiċi fl-ilma tal-purifikazzjoni (sabiex tinkiseb ossidazzjoni kimika jew konverżjoni oħra). Il-likwidu li jirriżulta jrid jiġi ttrattat billi t-trab miġbur jiġi separat bis-sedimentazzjoni jew l-iffiltrar. |

1.4.2. **L-emissjonijiet fl-ilma**

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Trattament bijoloġiku | L-ossidazzjoni bijoloġika tas-sustanzi organiċi dissolti bl-użu tal-metaboliżmu tal-mikroorganiżmi, jew it-tkissir tal-kontenut organiku fl-ilma mormi bl-azzjoni tal-mikroorganiżmi fin-nuqqas ta' arja. L-azzjoni bijoloġika normalment tiġi segwita mit-tneħħija ta' solidi sospiżi, eż bis-sedimentazzjoni. |
| Koagulazzjoni u flokkulazzjoni | Il-koagulazzjoni u l-flokkulazzjoni jintużaw biex jiġu separati solidi sospiżi mill-ilma mormi u spiss isiru fi stadji wara xulxin. Il-koagulazzjoni ssir billi jiżdiedu koagulanti b'karigi opposti għal dawk tas-solidi sospiżi. Il-flokkulazzjoni ssir billi jiżdiedu polimeri, sabiex il-kolliżjonijiet ta' partikuli mikroflok jġegħluhom jingħaqdu sabiex jipproduċu floks ikbar. |
| Flotazzjoni | Is-separazzjoni tal-floks kbar jew partikuli li jżommu fil-wiċċ mill-effluwent billi jittellgħu fil-wiċċ tas-sospensjoni. |
| Flotazzjoni tal-arja dissolta | It-tekniki ta' flotazzjoni li jiddependu mill-użu tal-arja dissolta sabiex jiġi separat il-materjal koagulat u flokkulat. |
| Filtazzjoni | Is-separazzjoni tas-solidi minn trasportatur tal-ilma mormi billi jingħaddu minn ġo midjum poruż. Tinkludi tipi differenti ta' tekniki, eż. filtrazzjoni tar-ramel, mikrofiltrazzjoni u ultrafiltrazzjoni. |
| Separazzjoni taż-żejt mill-ilma | Is-separazzjoni u l-estrazzjoni ta' idrokarburi insolubbli, li jibbażaw fuq il-prinċipju tad-differenza fil-gravità bejn il-fażijiet (fażi likwida-likwida jew solida-likwida). Il-fażi bid-densità ogħla tiddepożita fil-qiegħ u l-fażi b'inqas densità żżomm fil-wiċċ. |
| Baċiri ta' ritenzjoni | Lagoons b'erja tas-superfiċje kbira sabiex is-solidi għad-depożitar passiv b'mod gravitazzjonali. |
| Sedimentazzjoni | Is-separazzjoni tal-materjal u l-partikuli sospiżi bid-depożitar gravitazzjonali. |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT